# Leħen il-Punent

Diċembru 2010 • Nru. 22





*Grazzi Sinjur Alla, Aħfirli Sinjur Alla*

San Ġorġ Preca

**MONS NIKOL Ġ. CAUCHI** Isqof Emeritu ta' Għawdex

**2 ta' Marzu 1929 ~ 15 ta' Novembru 2010**



# Out of the Blue Project Summary

Iktar kmieni din is-sena l-Kunsill kien ġie avviċinat sabiex jipparteċipa fi proġett taħt il-programm Ewropew Italja-Malta, proġett li jġib l-isem *Out of the Blue*, flimkien ma' diversi partners oħra Maltin u Taljani. L-għan ewlieni ta' dan il-Proġett huwa dak li jsaħħaħ is-settur turistiku tal-Gżejjer ta' Malta, Għawdex u Sqallija. Ftit taż-żmien ilu l-Kunsill ġie infurmat li dan il-proġett ġie fil-fatt approvat mill-Unjoni Ewropeja u li ser jingħataw fondi sabiex tinbeda l-kollaborazzjoni bejn dawk kollha involuti li wieħed minnhom huwa propju l-Kunsill Lokali Għarb.

Permezz ta' din il-kollaborazzjoni ser jittieħdu diversi passi sabiex jiġu attratti aktar turisti lejn dawn iż-żoni b'mod partikolari fiż-żminijiet fejn it-turiżmu jonqos drastikament. Passi li fost l-oħrajn ser jittieħdu nsibu implimentazzjonijiet li jkunu ta' attrazzjoni u li jkunu ta' għajnuna f'dan il-Qasam.

Il-Kunsill huwa konvint li proġetti bħal dawn ikunu ta' għajnuna għall-intrapriżi mhux biss lokali imma dawk tal-gżejjer Maltin kollha.

*Earlier this year, the Council was invited to participate as a partner in an EU project under the Italia-Malta programme, named 'Out of the Blue' with other Maltese and Italian partners. The main aim of this project is to promote the tourism sector in Malta, Gozo and Sicily. The Council was recently informed that this project was actually approved by the European Union and funds will be given to start this collaboration between all those involved including the Gharb Local Council.*

*Through this collaboration various steps will be undertaken to attract more tourists to these areas in particular during the lean months where the areas lack drastically from tourists. Some steps which will be taken will include the implementation of actions that to boost the mentioned sector.*

*The Council is convinced that these kind of projects are of help not only to the local businesses but also to all businesses of the Maltese Islands.*


Italia-Malta – Cohesion Policy 2007 - 2013
*A sea of opportunities for the future*

This project is part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds

*Investing in your future*

# *Leħen il-Punent*

Ħarġa Speċjali ta' Kull Sena

Diċembru 2010 • Nru. 22



Rivista maħruġa mill-
**KUNSILL LOKALI GĦARB**
Triq il-Viżitazzjoni, Għarb GRB1044
Tel: 21 560556 • Fax: 21 562727
E-mail: gharb.lc@gov.mt



**~ KUNSILL LOKALI GĦARB ~**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **David Apap Agius** |
| **Viċi-Sindku:** | **Raymond Cassar** |
| **Kunsilliera:** | **Lisa Marie Brooke** |
| | **Emanuel Muscat** |
| | **Carmen Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Joanne Attard** |
| **Skrivana:** | **Emily Amatulli Depasquale** |


Kull korrispondenza għandha tintbagħat
lill-"Leħen il-Punent" Kunsill Lokali Għarb

Fil-qoxra tal-fuljett jidher is-Sindku David Apap jippreżenta Premju Għarb lil Mons. Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi li miet ftit tal-ġimgħat ilu.





• Grazzi lil-isponsors tagħna ta' l-għajnuna tagħhom matul is-sena
• Grazzi wkoll imur għal-kontributuri ta' din il-Ħarġa

Issetjat u Stampat : A&M Printing Ltd. - Qala • Tel: 2155 32 17


# *F'Din il-Ħarġa...*


4 Messaġġ mis-Sindku

9 Mill-Pinna tal-Kunsilliera

11 Messaġġi mill-Għaqdiet tal-lokalità

14 Restawr mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

15 Messaħħ mill-Arċipriet Dr Joseph Sultana

17 Messaġġ mill-Arċipriet Emeritus Dun Karm Gauci

18 L-Aħħar Vjaġġ Missjunarju Tiegħi???

19 Rokna tat-Tabib

20 Wied il-Mielaħ

22 Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali

25 Rokna għat-tfal

26 Djarju

30 Peppi ta' Leksju

32 Fil-kċina/riċtti

34 Estratt mill-Financial Statements

# Messaġġ mis-Sindku

❑ david.apap@gov.mt
❑ 7949 2667



Il-Milied hu ċelebrazzjoni tal-valuri li aħna nħaddnu, valuri li jagħtuna identità. Dawn il-valuri jgħinuna ngħożżu l-ħajja u l-familja flimkien mal-wirt u t-tradizzjonijiet li ħallewlna missirijietna tul l-għexieren ta' snin li għaddew. Hemm ħafna valuri, imma llum nixtieq nitkellem b'mod speċjali fuq il-valur tas-solidarjeta' u sinċerità b'kuraġġ. Dawn huma żminijiet li fihom infakkru lilna nfusna li għandna ħafna affarijiet li jgħaqqduna u fil-fatt hemm ħafna affarijiet li jġibuna flimkien, milli affarijiet illi jaqsmuna minn xulxin.

Il-valuri ta' solidarjeta' huma valuri li għandna nħaddnuhom tul is-sena kollha u mhux f'ġurnata waħda biss. Il-lokalità tagħna hija lokalità mibnija fuq il-fidi Kristjana għalkemm bla ebda distinzjoni ma teskludi twemmin jew fehmiet differenti. Dan jagħmilna poplu magħqud u huma dawn il-ġrajjiet li jagħmluna poplu divers u miftuħ. Poplu magħzul u li ngħinu lil xulxin f'mumenti ta' sfidi u diffikultajiet mil-liema lat tal-ħajja ġejjin. Din l-attitudni għandha tifsira ferm akbar mill-kumplament ta' awguri bil-fomm u mir-rigali materjali li jingħataw matul dawn iż-żminijiet, mhux għax din mhix xi ħaga sabiħa, għall-kuntrarju, imma forsi aktar mir-rigali materjali, naħseb l-akbar rigali li għandhom jimmarkaw il-ħajja tagħna għandhom ikunu il-valuri tas-solidarjeta' ma' qrabatna, ħbiebna, ġirien u fuq kollox kollegi. Għandna nfittxu l-għaqda u mhux firda biex dan jissaraf f'paċi fil-qalb.

Valur iehor hu l-valur tas-sinċerità b'kuraġġ. Mhux kulħadd għandu kuraġġ li jwassal il-valuri veri b'kuraġġ. Hemm min akkost ta' kollox jara l-ewwel u qabel kollox il-gwadann personali, l-ambizzjoni personali u akkost ta' kollox ikollu intenzjoni jinganna u jifred reġim basta jasal għall-għan aħħari tiegħu. EGOIZMU. Pero hemm ukoll min ibati sabiex iwassal b'sinċerità u b'kuragg il-valuri veri. Jagħżel li jiċċaħħad iżda jwassal il-valur b'sinċerità u f'moħħu l-ewwel u qabel kollox iwassal il-valuri ġusti u umani, valuri li mhux faċli ikunu rikambjati jew aprezzati fl-immedjat.

Min jagħmel parti mit-tmexxija ta' kumitat jew għaqda għandu jifhem ir-responsabilità u l-lejalta' lejn il-membri kollha. Il-funzjoni u responsabilitajiet tal-Kunsill huma totalment



differenti miż-żewg gruppi li semmejt qabel. Kumitat jew għaqda jirrappreżenta sezzjoni ta' poplu filwaqt li Kunsill Lokali jirrappreżenta lill-poplu kollu. Li tkun membru f'Kunsill Lokali għandek id-dover u d-dmir li tirrappreżenta lill-komunità kollha filwaqt li ssib bilanċ bejn kull sezzjoni. Dawn il-valuri jitolbu parteċipazzjoni, responsabilità u impenn ta' veru. Fid-dawl ta' dan kollu rridu li lkoll flimkien inkomplu nibnu s-socjeta' tagħna fuq il-valuri tas-solidarjeta' li tintwera f'impenn mibni, u mhux f'diskors biss, impenn mibni fuq il-ġustizzja u ġenerozità, insibu bilanċ biex inqassmu l-ġid fil-lokalità b'mod ġust.

Għalkemm m'għadux magħna, però jibqa' f'qalbna b'għożża u mħabba. L-Isqof Emeritus Nikol Cauchi jibqa' eżempju ta' valur ta' solidarjetà. Jibqa' mfakkar għall-predikazzjoni mimlija għerf, imhabba u karita' fi qlubna u f'ħajjitna. Kuraġġ għeżież Ġemma, Tereżina, Kan Achille u Maurice, mimlija b'fidi kbira fil-Mulej, illum jinsab igawdi fil-ġenna mal-bqija tal-qaddisin. B'apprezzament kien xieraq li nġeddu l-ġieh mogħti lilu f 'ġieħ l-Għarb b'ritratt fil-faċċata ta' din il- ħarġa.

Dwar ix-xogħolijiet infrastrutturali li għaddejjin f'diversi zoni hemm uħud minnhom wieqfa. Ix-xogħol mhux dejjem jiġi kif tippjanah għaliex dejjem hemm is-sorpriżi. Hekk ġara fil-fatt u x-xogħol għadu kollox kif kien. Nisperaw li wara l-festi tal-Milied u wara il-pussess tal-Arċipriet ix-xogħolijiet jissoktaw.

Nieħu din l-okkażjoni sabiex nilqa' fostna lill-mexxej spiritwali ġdid. Ninsab ċert li l-ħeġġa u l-impenn ta' Mons Dr Joseph Sultana ser jissarraf f'ġid kbir li jawgura tajjeb għall-komunità tagħna.

Lura għax-xogħolijiet li ser ikunu qed isiru fi Triq il-Knisja, Pjazza Żjara tal-Madonna, Triq Frenċ tal-Għarb u Pjazza Gerano ser isiru b'investiment ta' madwar €250,000. Ringrazzjamenti lill-Ministru Giovanna Debono li kif ħabbret waqt l-aħħar edizzjoni ta' Seher il-Punent ser ningħataw €75,000 filwaqt li l-WSC ser tkun qed tgħaddi lill-Kunsill €35,000. Dan mhux biss iżda qed jin żamm il-ftehim li sar sabiex ix-xogħol li kien qed isir fuq ir-rising main ma jħallix impatt negattiv fuq il-lokalità. Konna mogħtija ukoll €20,000 mill-MEPA sabiex jgħinu f'dawn ix-xogħolijiet. Naturalment il-Kunsill irid jaghmel il-parti tieghu sabiex ir-rinnovament li ser ikun qed isir ikun suċċess u ta' benefiċċju għal kulħadd.

Minħabba dan id-dewmien xogħolijiet



infrastrutturali oħra kellhom ikunu sospiżi, qed nagħmel referenza għax-xoghol fi Triq Trux, Triq Virtù u oħrajn u dan sakemm ikun finalizzat ix-xogħol mibdi.

Max-xogħol infrastrutturali li qed iseħħ fil-lokalità hemm ukoll il-playing field fi Triq Tumas Cassar u r-rinnovament tal-Belvedere Kan. Salv Camilleri. Ma dawn ix-xogħolijiet hemm ukoll ix-xogħolijiet fuq iċ-Ċentru Ċiviku li fil-preżent huwa wieqaf ukoll sabiex jitħarsu t-tfal waqt il-ħin ta' l-iskola.

Għalaqna b'suċċess il-proġett ta' Wied il-Mielaħ u issa qed naraw ix-xogħol fuq il-proġett tal-outflow għaddej ġmielu. Kultant tingħata l-impressjoni jew xi ħadd ikun irid iwassal messaġġ b'ingann u jgħid li l-flus minfuqa f'dan il-proġett ittieħdu mill-budget tal-Kunsill jew li kienu traskurati xogħolijiet ohra minħabba fil-proġett. Dan ma hux minnu għaliex il-flus ivvutati fuq il-proġett riedu bilfors jintefqu għall-għan li għalih ingħataw jiġifieri sabiex isir il-proġett ta' Wied il-Mielaħ. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-Onorevoli Dr Chris Said li għen sabiex jittaffa' il-piż finanzjarju fuq il-Kunsill b'ghotja ta' €50,000. Fil-ġimgħat li ġejjin ser inkunu qed nassistu għall-ftuħ uffiċjali.

Max-xogħol infrastrutturali il-Kunsill ħa diversi inizjattivi favur sezzjonijiet differenti tas-soċjetà. Għall-ewwel darba introduċejna

skema għat-tfal li jattendu l-iskola primarja fejn ingħataw il-materjal skolastiku kollu ta' sena. L-għan wara din l-inizjattiva huwa sabiex ngħinu lill-familji fl-investiment ta' l-edukazzjoni ta' l-ulied. Għan ieħor kien sabiex nattiraw aktar tfal lejn l-iskola Primarja tal-lokalità li l-popolazzjoni tagħha qed tkompli tonqos ta' kull sena. Għall-ewwel darba din is-sena ser issir ċerimonja flimkien mat-tfal tal-iskola primarja fejn flimkien ma 26 pajjiż ieħor ser tkun qed tiżżejjen is-siġra tal-pjazza fl-istess ġurnata li fiha jkunu qed iżejjnu s-siġra tal-Milied il-bqija tat-tfal ta' l-iskola tas-26 pajjiż li kienu magħżula.

Ħsibna wkoll fit-tfal li jattendu skejjel privati u sekondarji u introduċejna servizz ta' trasport wara l-ħin ta' l-iskola. Grazzi lil dawk il-ġenituri li wrew fiduċja u investew magħna f'din l-inizjattiva. Għalkemm din l-iskema għadha f'perjodu ta' prova nistgħu ngħidu li l-ewwel riżultati qed juru riżultati pożittivi. Grazzi ukoll li dawn il-ġenituri tas-sagrifiċċju li jagħmlu għal uliedhom.

Dwar is-sezzjoni tat-tfal u żgħażagħ qed naħdmu aktar u fil-ġimgħat li ġejjin ser ikunu mħabbra inizjattivi oħra ġodda. Ma dan kollu qed inkomplu ninvestu fil-librerija li wkoll ser ikollha postha ċentralizzat fiċ-Ċentru Ċiviku, atrezzata bl-aħjar teknoloġija u toffri aktar servizzi.

Ma dan kollu ma nqasniex milli ninvestu fl-edukazzjoni tal-adulti u f'persuni tat-tielet età. Organizzajna korsijiet tal-lingwa Maltija, 7 korsijiet fit-taħriġ u akkwist tal-liċenzja tas-sewqan tad-dgħajsa.

Il-Kunsill ħares ukoll lejn l-isports u l-attività fiżika bħala neċessità importanti u qed jinvesti fit-taħriġ tat-tfal wara l-ħin ta' l-iskola. Għadu kif sar dawl ġdid fil-ground b'wiċċ sintetiku sabiex ikun utilizzat aktar. Dan mhux biss, iżda qed ikunu organizzati zewġ sessjonijiet ta' fitness wieħed għall-adulti u ieħor għal dawk ta' età ikbar. Il-Kunsill sodisfatt li l-attendenza hija numeruża u hemm it-talba sabiex dawn jitkomplew. Hemm ħsibijiet oħra sabiex dawn it-tip ta' inizjattivi ikunu mġedda u jiżdiedu.

Għall-anzjani komplejna ninvestu fid-day centre ta' kull nhar ta' Tnejn fejn numru sabiħ ta' madwar 20 perusna qed jattendu regolarment. Nappella lil oħrajn jitħajjru u jagħmlu kuraġġ u jibdew jiffrekwentaw dan iċ-ċentru li huwa supportjat mill-Ministeru għal Għawdex. Għall-anzjani u dawk li jgħixu waħedhom ma naqsux il-ħargiet ta' matul is-sena kemm f'Għawdex kif ukoll ġewwa Malta.

Ħarġa oħra hija ippjanata għat-3 ta' Jannar fejn il-Kunsill qed jistieden lill-familja kollha peress li t-tfal ser ikunu bil-vaganzi.

Proġett kapitali u importanti ko-finanzjat mill-EU b'investiment ta' madwar €600,000. Qed nirreferi għall-proġett ta' restawr tal-kappella ta' San Dimitri, il-Knisja taż-Żejt, is-Salib tad-dejma li jinsab fil-Pjazza Żjara tal-Madonna u l-pont ta' Sdieri. Ma dan hemm ukoll il-ħitan tas-sejjieħ li jwasslu għal dawn iż-żoni. Qed isiru tentattivi sabiex jinstabu finanzjamenti sabiex isir restawr tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali flimkien ma postijiet oħra ta' interess.

Inizjattivi dwar enerġija solari il-Kunsill ħareġ sejħa sabiex niġbru prezzijiet dwar dawn il-miżuri. Il-konkorrenza tal-fornituri tal-apparat kienu diversi u l-offerti kienu vantaġġjuzi. Dan wassal sabiex diversi familji ħadu l-oppurtunità u applikaw taħt din il-miżura u ser jistallaw pannelli foto-voltajiċi fuq il-bjut ta' djarhom. Din l-inizjattiva ser terġa' tittieħed fil-futur qarib sabiex jingħataw aktar oppurtunitajiet. Fil-jiem li ġejjin ser ikunu stallati fuq il-Kunsill pannelli solari li ser ikunu qed jagħmlu tajjeb għall-enerġija li ċ-Ċentru Ċiviku jikkonsma. Dan inaqqas ukoll mill-emmissjonijiet li jiċċirkondaw l-arja ta' madwarna.

Proġett ieħor fuq skala zgħira ta' restawr huwa xogħol ta' interventi fuq in-niċeċ. Fil-ġimgħat li għaddew kienu avviċinati dawk li ghandhom niċeċ jew statwi fuq barra fil-faċċati ta' djarhom u dan bla ebda piz finanzjarju għas-sidien.

Proġett ieħor ko-finanzjat mill-EU mill-fond Malta Italja huwa Out of the Blue, proġett li ser jikkontribwixxi għas-settur tat-turiżmu u prodotti tal-lokalità fosthom b'pubbliċità barra minn xtutna fi Sqallija. Diversi inizjattivi ser ikunu mhabbra dalwaqt.

Il-Kunsill ha sehem f'kompetizzjoni dwar miżuri u inizjattivi dwar l-intrapriżi. L-inizjattiva li ha l-Kunsill kienet gazzetta pubbliċitarja sabiex ikun irriklamat il-prodott lokali tal-Għarb kif ukoll il-postijiet ta' akkomodazzjoni. Għal din l-inizjattiva il-Kunsill kien rikonoxxut bi premju ta' €5,000 li dawn ser ikunu investiti għall-istess għan.

Fil-ġimgħat li ġejjin ser jittieħdu inizjattivi sabiex jimmiljoraw il-ġbir ta' l-iskart u jidħlu aktar miżuri sabiex intejjbu s-servizz tas-separazzjoni ta' l-iskart. Dwar dan ser isir avviż bieb bieb sabiex it-tibdil ma jħallix impatt negattiv. Nitlobkom koperazzjoni sħiħa.

Il-Kunsill irnexxielu wkoll ikun ir-rebbieħ ta' inizjattiva dwar tfassil ta' pjan sabiex il-lokalità tagħna tkun waħda sostenibbli. Il-Kunsill ingħata €20,000 sabiex ifassal dan il-pjan. Ġa kienu ippublikati is-sejħiet sabiex jintwera interess minn min jista' jagħmel dan il-pjan u kienu tlieta li applikaw. Il-pjan ser isir b'konsultazzjoni sħiħa u miftuħa minn tfal, adulti u għaqdiet lokali sabiex jitfassal il-pjan li jħares lejn futur b'lokalità sostenibbli għalina u uliedna. Flimkien ninsab ċert li din l-opportunità ser indawwruha verament f'opportunitajiet. Irridu naprezzaw li minkejja ċ-ċokon tal-lokalità tagħna b' kuraġġ imsejjes fuq il-ħafna kisbiet li għamilna, hekk irridu nkomplu nagħmlu fis-snin li ġejjin għall-benefiċċju tal-lokalità.

Dawn huma ftit mill-inizjattivi li qed jieħu l-Kunsill sabiex titjieb il-kwalità tal-ħajja tagħna r-residenti ta' l-Għarb. Inizjattivi oħra ser ikunu qed jitħabbru fil-futur qarib.

Il-festi tal-Milied juruna li dan kollu jista' jseħħ, jiġifieri aħna, aħna lkoll flimkien meta nwarrbu dak li jisseparana u niġu flimkien, allura aħna lkoll nistgħu nimxu lkoll flimkien.

Nagħlaq bi proponiment personali, irridu nifhmu u inkunu miftuħa u nirrispettaw aktar l-opinjoni ta' xulxin. Ħadd minn din il-lokalità ma jista' jibqa' barra. Irridu nifhmu wkoll li kull wieħed u waħda minnha irridu nagħtu sehem, min sehem zgħir u min sehem kbir, ġejjin mil-liema grupp ġejjin. Min b'idejal u min b'iehor. Sehem li x'aktarx nistgħu nagħtuh aħna biss u ma jistax jagħtih ħaddiehor għalina. Dak li aħna kapaċi nagħmlu, jagħmilna differenti minn xulxin, mela le anzi, id-differenza ta' bejnietna għandha issaħħaħ lilna u l-lokalità fid-diversità tagħna. Din tagħtina spinta sabiex nibqgħu lokalità waħda, sħiħa u fejn kulhadd jgħodd. Qed nirreferi għal kull sezzjoni, dawk ħaddiema, missirijiet u l-ommijiet li jieħdu hsieb uliedhom, zghazagh, tfal u tant u tant sezzjonijiet oħra.

J'Alla dan il-Milied ikun Milied tajjeb u ħieni, Milied li jixpruna iż-żewg valuri li semmejtilkom; is-solidarjetà ta' bejnietna u l-valur tas-sinċerità b'kuraġġ. F'isem il-Kunsill u f'ismi, nawgura minn qalbi il-Milied u s-Sena t-tajba lilkom u lill-għeżież kollha tagħkom. Nitolbukom twasslu l-awguri lill-familji, lill-morda u l-emigranti tagħkom.

*David Apap*
**Sindku**

# *Mayor's Message*

*Christmas is a celebration of the values which we believe in and which give us our identity, and a time to remember the things we have in common, things which bring us together. I want to mention particularly the values of solidarity and of being courageously sincere.*

*Various infrastructural works are being carried out within the locality but unfortunately some of them are at a halt. Let's hope that after the festive season and the new Archpriest's feast the works resume. A warm welcome goes to our new spiritual leader Mons Dr Joseph Sultana.*

*Works at Church Street, Pjazza Żjara tal-Madonna, Frenċ tal-Għarb Street and Pjazza Gerano will be carried out with an investment of €250,000 and works will commence soon.*

*Due to the delays in the ongoing works, other infrastructural works had to be suspended, I am referring to works at Trux and Virtu' Streets, until the current works are finalized.*

*Other ongoing works consist of the playing field at Thomas Cassar Street and the refurbishment of the belvedere at the same area. Works on the Civic Centre are currently halted for the wellbeing of the school children.*

*The Wied il-Mielah project was closed successfully and the drainage outflow works are*



*moving at a good pace. I would like to clear the point that funds spent on Wied il-Mielah project were allocated purposely for this project. Thanks goes to Hon. Dr Chris Said who allocated added funds to support the project. In the coming weeks the official inauguration of the project will be held.*

*The Council took various initiatives towards the community at large. A new scheme was introduced where primary school children were provided with stationery packs for a whole scholastic year. A Christmas oriented activity with a European dimension, promoting recycling will also be held with the participation of school children.*

*School transport was introduced for students attending secondary and private schools. Thanks to those parents who participated in this scheme, During the coming weeks new initiatives will be dissimenated as regards children and youths New investment is planed for the library which. We invested also in the education of adults and organised courses in the Maltese language and 7 boat handling courses.*

*The Council put sports and physical activity as a priority and invested in an after school hour training programme for children, new lights for the synthetic football ground and fitness sessions for adults.*

*We continued investing in our membership in the elderly day centre in Ghajnsielem, which centre is supported by the Ministry for Gozo. Around 20 persons attend regularly and I encourage others to join too. We organized various social outings during the year and the next outing to Malta targeted for all the family is scheduled for the 3rd January, 2011.*

*Another EU funded project with an investment of €600,000 is in the pipeline. This will entail the restoration of San Dimitri and taż-Żejt Chapels, the old cross found at Pjazza Żjara tal-Madonna, the bridge at Sdieri Street and rubble walls. We are trying to obtain funds for the restoration of the facade of the parish church.*

*Through the Council's initiative a number of families will be installing photo voltaic panels on their roofs. This initiative will be repeated in the near future to offer further opportunities to the residents.. In the near future photo voltaic panels will be installed on the Council's Administrative Offices to make good for energy consumed by the Civic Centre.*

*Restoration works will be done on historical niches situated on various buildings around the locality, and this against no financial burden on the owners.*



*Another EU funded project in which the Council will participate as a partner is named Out of the Blue. This project will promote the tourism sector and the locality product through overseas publicity. Various initiatives will be published soon.*

*The Council achieved an award of €5,000 for its initiatives towards the local enterprise. The initiative undertaken by the Council this year was a gazzette which publicized Gharb's product and accomodation places abroad. The awarded funds will be invested in the same sector.*

*The Council also succeeded to be the winner of €20,000 which will be used for the setting up of a sustainable locality action plan. The action plan will be constructed with the full participation of the residents. I am sure that we will turn this opportunity in a gold mine of opportunities for the sustainable development of our locality.*

*The Christmas festivities show us that all this can be achieved, we can all move forward together.*

*I close with a personal commitment, we have to be open and understanding to everyone's opinions. No one can be left out. Each and every one of us has an important role to play, even if we differ from one another. Our abilities make us different from each other, and these diversities should strengthen us and our locality, giving us a boost to remain united, a locality where everyone counts. I refer to every sector, workers, parents, children, youths and many many other sectors.*

*Wishing you a peaceful Christmas, which boosts the two values mentioned: the solidarity between us and the value of being courageously sincere. In my name and that of the Council, I wish you heartedly a Merry Christmas and Happy New Year. Please forward my best wishes to your families, the sick and emigrants.*

*David Apap*
**Mayor**

# Mill-Pinna tal-Kunsilliera....



Iż-żmien jgħaddi w ma jistenna lil ħadd. Wasal iż-żmien biex nerġgħu nwasslu l-messaġġ bħala kunsilliera lil poplu tar-raħal, fuq l-magazine 'Leħen il-Punent'.

Bħala Kunsill l-iskop tagħna hu li naħdmu għal ġid tar-raħal u naraw li jsir żvilupp. Kienet sena ta' ħidma kontinwa b'kalendarju ta' attivitajiet li bħal snin oħra norganizzaw matul is-sena.

Il-Karnival ikun l-ewwel attività li ssir. L-attività tkun organizzata tajjeb fir-raħal u jieħdu sehem gruppi mir-raħal u anke minn irħula oħra.

Seħer il-Punent reġa' ġie organizzat. Hija attività prinċipali li ssir fir-raħal li fiha numru kbir ta' nies, minn barra mir-raħal u anke numru kbir ta' Maltin jiġu għal din is-serata fejn anke jiġu nvoluti l-għaqdiet li għandna fil-parroċċa.

Wara Seħer il-Punent ir-raħal ikun qiegħed jistenna l-festa. Mal-festa tiġi l-Infiorata li tkun organizzata mill-Kunsill fejn hija l-unika waħda li ssir ġewwa pajjiżna. Ta' kull ġimgħa l-anzjani jattendu għal ħarġa tagħhom fid-Day Centre ta' Għajnsielem.

Settembru wassal miegħu Jum l-Għarb. Dan ġie organizzat bħal snin oħra mill-qalb, permezz ta' programm fil-pjazza tar-raħal fejn ġew rikonoxxuti persuni li taw ġieħ lir-raħal għax-xogħol u ħidma li jkunu għamlu matul is-snin.

Ġew organizzati għat-tfal il-Halloween u l-Party tal-Milied. Ġew organizzati korsijiet kemm fis-sajf u anke fix-xitwa. Bħala xogħol għadu għaddej il-proġett ta' Wied il-Mielaħ, xogħol fuq il-playingfield u anke l-uffiċini tal-Kunsill. Nittamaw għas-sena d-dieħla ssir il-ħolma li jitlestew it-tlett pjazzez, bil-pavimentar u jingħata t-tarmak fit-triq il-Knisja u anke Triq Frenċ ta' l-Għarb li żgur hemm bżonn li jitlestew. Nittamaw ukoll li x-xogħol ma jieħux fit-tul ħafna.

F'dan il-messaġġ tiegħi nixtieq insellem lil Arċipriet il-ġdid Fr Joseph Sultana, nawguralu ħidma siewja fi ħdan ir-raħal u nixtieq ukoll nirringrazzja tal-ħidma li wettaq Mons. Carmelo Gauci Arċipriet Emeritus għal dawn is-snin li għamel magħna. Filwaqt li nixtieq insellem lir-residenti kollha tar-raħal, nixtieqilkom Milied Ħieni u Sena Ġdida mimlija risq u hena.

❑ raymondgrb@gmail.com
❑ 7909 0937

*Raymond Cassar*
**Viċi - Sindku**

---



Għeżież Qarrejja,

Sena oħra ġiet u kważi marret. Il-ħajja baqgħet miexja u l-kliem imnaqqax fuq il-kampnar tal-Knisja tagħna baqa' jibgħat l-istess messaġġ, '**Ibni Għożż iż-Żmien**'. Kemm hu kliem sabiħ! Miktub mill-antenati tagħna; motto li bih fi tlett kelmiet sempliċi ġabru l-ispirtu li bih ħadmu, għexu u mietu.

Ħalliena għal-għarrieda l-wisq maħbub iben ta' dan ir-raħal żgħir tagħna l-Isqof Emeritus Nikol Cauchi. Iż-żmien fuq din l-art għaddielu, iżda l-eżempju u l-għerf tiegħu ser jibqa' għal-ġenerazzjonijiet futuri. Għamlilna ġieħ u żgur li qiegħed iħares fuqna u jitlob għalina mis-sema. Il-kondoljanzi tiegħi jmorru għal Ġemma, Tereżina, Dun Achille u Profs Maurice li bla dubbju qegħdin jħossu bil-kbir in-nuqqas tiegħu.

Fil-ħajja hemm biżżejjed ħin sabiex nagħmlu dak kollu li nixtiequ nagħmlu.Iż-żmien tagħna fuq din l-art huwa limitat u qatt ma jista' jiġi mreġġa lura. Għalhekk għandna nużawh bil-għaqal. Opportunitajiet ġodda jiġu u jmorru u kull persuna ssib ruħha f'ċirkustanzi li jġiegħeluha tieħu azzjoni jew li tagħmel differenza fil-ħajja ta' ħaddiehor. Bħala raħal u komunità lkoll għandha l-abilità li nagħmlu d-differenza fil-familji tagħna, fil-ħbieb tagħna, fuq il-post tax-xogħol, fir-raħal tagħna u f'bosta oqsma li jkollhom bżonn l'attenzjoni immedjata tagħna. Fejn irridu, nafu nagħmlu ħin għal kollox. In-Nanniet tagħna kienu jaħdmu minn dlam sa dlam biex jaqilgħu l-għejxien tagħhom iżda xorta kienu jsibu ħin biex ikunu flimkien bħala raħal u prova ta' dan huma l-opri kbar li ħallew warajjhom.

Sabiex jibqa' ħaj l-ispirtu ta' komunità li tant ħadmu u emmnu bih ix-xjuħ tagħna, illum iktar minn qatt qabel, għandna ninvolvu ruħna kemm nistgħu fl-attivitajiet, gruppi u okkażjonijiet li jiġu pprovduti lilna matul is-sena kemm mill-Kunsill kif ukoll mill-parroċċa. Li nkunu membri attivi fil-komunità tgħinna nitgħallmu

affarijiet ġodda, insiru nafu aktar mill-qrib lin-nies ta' madwarna u fl-istess waqt inkunu qegħdin noħolqu ftit tal-ħin sabiex nistrieħu u ninsew it-taħbid tal-ħajja.

Filwaqt li nixtieqilkom il-Milied u s-Sena t-Tajba nifraħ lir-Ragħaj il-ġdid tal-parroċċa tagħna Rev. Dr Joseph Sultana, nixtieqlu ħidma fejjieda, fiduċjuża li ser jsib koperazzjoni sħiħa min-nies ta' l-Għarb kollha.

❏ lisa.m.brooke@gmail.com
❏ 9982 2704

*Dr Lisa Marie Brooke*
**Kunsillier**



Sena oħra waslet kważi fi tmiema u erġajna wasalna fi żmien il-festi. Bħal ma' jsir is-soltu bi pjaċir qed nerġgħu nwasslu l-messaġġ u l-awgurju tagħna permezz ta' din il-publikazzjoni.

Bla dubbju nibda billi nagħti merħba fostna lill-Arċipriet ġdid tagħna Dun Joseph Sultana. Minn hawn nsellimlu u nawguralu l-akbar suċċess fil-ħidma pastorali tiegħu fil-parroċċa tal-Għarb. Fl-istess waqt nirringrazzja wkoll lil Arċipriet Emeritus Dun Karm Gauci li dejjem għamel li setgħa biex ikattar il-ġid fostna. Ċert illi Dun Karm ħalla pedamenti adegwi sabiex l-Arċipriet l-ġdid ikompli jkattar il-ġid komuni u spiritwali fir-raħal tagħna.

Tul dawn ix-xhur li għaddew, il-lokalità tagħna għaddiet minn diversi episodji biċċa sbieħ u oħrajn pjuttost koroh. Min naħa kemm tal-Kunsill kif ukoll min naħa tiegħi bhala kunsillier, ippruvajna kemm jista' jkun nżommu bilanċ fejn kull wieħed u waħda minnha tal-opinjoni meqjusa tiegħu, sabiex hekk setgħu jittieħdu l-aħjar deċiżjonijiet għal ġid tar-raħal u r-residenti.

Kellna attivitajiet kulturali li rnexxew b'suċċess, anke konsiderat ċ-ċokon tar-raħal tagħna kif ukoll r-riżorsi disponibbli. Forsi mhux fuq nota daqshekk pożittiva, ir-raħal tagħna matul din is-sena issemma' l-aktar in konnessjoni mat-traġedja tal-kamra tan-nar ta' Farrugia u bil-konsegwenzi li ħalliet. Għal darba oħra minn hawn nixtieq nagħti l-kondoljanzi lil qraba u l-ħbieb tal-vittmi. Forsi illum tlett xhur wara t-traġedja, huwa żmien aħjar ta' riflessjoni fuq dak li ġara, fejn kulħadd għandu jagħmel id-deċiżjonijiet tiegħu b'aktar serenità.

Ix-xogħlijiet li għaddejjin minn ċerta toroq tal-lokalitaà tagħna suppost li wasalna fit-truf tagħhom. Nifhem l-inkonvenjent kemm tar-residenti kif ukoll ta' min juża dawn it-toroq ta' kuljum, iżda kif jgħidu biex tgawdi trid tbati. J'Alla x-xogħol jitlesta' u ma jdumx.

Fl-għeluq ta'dan il-messaġġ tiegħi nixtieq nawgura l-Festi t-Tajba lil kull wieħed u waħda minnkom. Huwa żmien sabiħ, żmien ta' divertiment, iżda kollox għandu l-limiti tiegħu, u l-isbaħ limitu huwa l-moderazzjoni. Awguri.

❏ muscat04@maltanet.net
❏ 7955 2223

*Emanuel Muscat*
**Kunsillier**



Qegħdin noqorbu għal tmiem is-sena 2010 u aħna l-kunsilliera flimkien mas-Sindku nwasslu l-messaġġ tagħna u l-awguri u xewqat tagħna lir-residenti kollha tal-lokalità tagħna.

Dan l-aħħar qed nisimgħu ħafna ilmenti dwar xi toroq li jinsabu fi stat ħażin ħafna. Però minkejja dawn għadhom ma sarux, aħna lkoll fil-laqgħat tal-Kunsill inwasslu l-ilmenti tagħkom biex kemm jista' jkun jitranġaw mill-aktar fis. Ħafna drabi ma jiddependix minna, imma minn ħaddieħor. Is-Sindku jinsisti ħafna biex jibda' x-xogħol.

Fil-laqgħat tagħna fil-Kunsill ma niddiskutux biss it-toroq, imma ħafna proġetti oħra li minnhom ir-residenti tagħna jistgħu jgawdu minnhom, bħal x'nistgħu ngawdu mill-fondi tal-Ewropa biex insebbħu l-ambjent tagħna, dwar l-enerġija solari, dwar is-saħħa tal-familja u t-tfal, dwar l-anzjani, l-iskart separat u dak domestiku, dwar l-influss tat-turiżmu fiż-żmien tas-sajf u fil-btajjel pubbliċi u dwar il-problemi li jġibu magħhom u dwar ġemellaġġi ġodda.

Bħalissa għaddejjin il-korsijiet fil-Kunsill, ħafna minnhom qed jattendu numru mhux ħażin għalihom. Tal-Keep Fit ġie f'żewġ sezzjonijiet. Jekk xi ħadd ikollu xi ideja ġdida aħna nieħdu pjaċir biha u naraw kif nagħmlu biex norganizzaw xi ħaġa ġdida bħal tal-liċenzja tal-dgħajjes.

Il-Kunsill ukoll qed jagħti servizz anke s-Sibt filgħodu biex kulħadd jkun jista' jinqeda. Għat-tfal żidna fis-siegħat tal-ftuħ tal-librerija, tajjeb li nagħmlu użu minnha. Għandna ħafna tfal li jużawha u nixtiequ li jkun iżjed.

Minn hawn nibgħat l-awguri u x-xewqat tiegħi lir-residenti kollha tal-lokalità tagħna għall-Milied Tajjeb u s-Sena Ġdida mimlija hena u saħħa.

*Carmen Vella*
**Kunsillier**

❏ carmen.b.vella@gov.mt
❏ 7927 8087



# Messaġġi mill-Għaqdiet tal-lokalità

Il-Kunsill ta' kull sena jistieden lill-Għaqdiet Lokali sabiex permezz ta' 'Leħen il-Punent' jibgħatu l-messaġġ tagħhom lir-residenti tal-lokalità. Hawn taħt qed jiġu ippublikati l-messaġġi kollha li l-Kunsill irċieva mingħand l-Għaqdiet.

## Kumitat Festa tal-Viżitazzjoni

Jekk il-bambin irid is-sena 2010 waslet fi tmiemha ukoll, u magħha nofs sena ħidma għall-festa li ġejja. F'isem il-kumitat nixtieq nibda billi nawgura lill-arċipriet il-ġdid, ħidma fejjieda fil-parroċċa tagħna u nwegħduh l-appoġġ u l-għajnuna tagħna. Dwar il-ħidma tal-kumitat, kif wegħdnikom baqa' jaħdem fuq il-proġett tal-bandalori l-ġodda maħsuba għat-toroq li minnhom tgħaddi l-purċissjoni. Hawn nirringrazzja lil ħafna benefatturi li ħallsu bandalora jew taw offerta għalihom. Bi pjaċir ngħid li diġa' għandna nofshom imħallsa. Inħeġġeġ lil kull min jista' sabiex jagħti xi donazzjoni ħalli dan il-proġett ikun jista' jiġi mwettaq kompletament.

Wara tant żmien bdejna ukoll nirrestawraw l-armar u bdejna mill-padistalli tal-anġli li jintramaw fit-toroq tal-purċissjoni. Dan ix-xogħol beda wara l-festa u qed isir fuq bażi regolari u volontarja fid-dar tas-sorijiet. Minn hawn nirringrazzja lil voluntiera u nirringrazzja ukoll lil xi mastrudaxxi li offrewlna l-għajnuna tagħhom. Hawnhekk nixtieq ngħid li grazzi għall-arċipriet il-ġdid, issa sibna post fejn nibnu maħżen ieħor għall-armar tal-festa. B'hekk żgur li ser insolvu l-problema li ilha tberren f'moħħna matul dawn l-aħħar snin. Dan ifisser li l-armar li ser nirranġaw, issa ser ikollu post tajjeb u xieraq fejn jinġabar mingħajr ma ssirlu ħsara. Nixtieq nagħmel appell lil kull min jista' jgħin, sew fix-xogħol li qed nagħmlu fid-dar tas-sorijiet, kif ukoll fil-proġetti li ser nidħlu għalihom fi snin li ġejjin, bħal dan tal-maħżen. Żgur li hawn aktar nies fir-raħal tagħna li jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom għall-ġid tal-festa u l-komunità tar-raħal tagħna. Infakkarkom li hu dover tagħna li l-armar li għandna u li għaddewlna missirijetna, għandna nieħdu ħsiebu u napprezzaw aktar il-valur artistiku tiegħu.

Issa beħsiebna li qabel l-ewwel ġabra li s-soltu ssir f'Jannar, inqassmu rendikont dettaljat tal-festa li għaddiet u ta' progetti oħra li għaddejjin bihom bħalissa. B'dan il-mod ikollkom ideja ċara tal-ispejjeż kollha involuti fil-festa.

Fl-aħħar nixtieq nirringrazzja lill-benefatturi kollha tagħna. Dawk li jixtiequ jgħinu f'xi wieħed minn dawn il-proġetti, jew jagħtu xi donazzjoni, jistgħu jkellmu jew lil arċipriet jew lil xi membru mill-kumitat li huwa tal-fiduċja tagħhom. F'isem il-kumitat nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nawgura l-Milied it-Tajjeb u s-Sena l-Ġdida mimlija risq u hena lill-membri kollha tal-parroċċa tagħna.

**Ruben Camilleri**, Segretarju

## Azzjoni Kattolika

Reġa wasal Milied ieħor. Aħna ssoltu ngħidu l-ħin itir bħar-riħ imma jkolli ngħid li fejn qabel kien biss riħ, issa sar riefnu li qed itajjar kull ġurnata u xahar tas-sena.

Sabiħ iż-żmien tal-Milied u jimla b'ferħ speċjali lil min jaf japprezzah. Ġesu' jixtieq jimla l-qalb ta' kull bniedem b'ferħ ġenwin. Iżda jaħasra fi żminijietna, hawn wisq qlub mimlijin sax-xfar b'ferħ artifiċjali li bħad-duħħan jispiċċa malajr u jħalli warajh vojt kbir.

X'nistgħu nagħmlu speċjalment aħna n-nies ta' l-Għarb li tant inħobbu lil omm din it-tarbija li tagħha ser niċċelebraw il-festa tat-twelid? Nipprovaw inwarbu l-imbarazz u nħallu iktar spazju f'moħna u f'qalbna għal-ferħ qaddis li l-bambin Ġesu' dejjem lest li jagħti lil min jitolbulu. Kuraġġ u nafdaw Fih.

Il-Milied u s-Sena t-tajba lil kulħadd.

## Għaqda Mużikali Viżitazzjoni

Qabel xejn nixtieq inrodd ħajr lill-Kunsill Lokali tal-Għarb għal dan l-ispazju li qed joffrilna fir-rivista *Leħen il-Punent* sabiex inwasslulkom l-awguri tagħna għall-Milied u s-Sena l-Ġdida.

Ftit ilu, fit-22 ta' Novembru ta' din is-sena, għadna kemm iċċelebrajna s-seba' anniversarju mit-twaqqif tal-Banda Viżitazzjoni. Dakinhar il-Banda daqqet fil-Knisja Parrokkjali flimkien mal-kor tal-parroċċa waqt il-quddiesa. Il-ħsieb ewlieni tal-Banda kien u għadu li tkun ta' servizz għar-raħal tagħna, speċjalment fil-festa tar-raħal. Pero' matul is-sena l-Banda toffri diversi servizzi oħra biex tkompli tferraħ lill-poplu tal-Għarb. Biex inkun aktar speċifiku, din is-sena daqqejna fil-festival *Seħer il-Punent*, offrejna programm mużikali fil-Knisja Parrokkjali għall-Ġimgħa Imqaddsa, ħadna sehem fl-erbgħa u sebgħin Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla ospitat mill-parroċċa tagħna, u impenjajna rwieħna għat-tlett ijiem tal-festa tar-raħal tagħna. Bħas-snin l-imgħoddija, dan il-Milied beħsiebna noffru programm mużikali fil-Knisja u akkumpanjament matul il-purċissjoni tradizzjonali bil-Bambin organizzata mill-membri tal-Museum nhar l-għada tal-Milied.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex inħeġġeġ lilkom il-qarrejja ta' din ir-rivista sabiex tikkuntattjawna ħalli tibdew titgħallmu mingħajr ħlas xi strument mall-banda tagħna. Il-bibien tagħna huma dejjem miftuħa għal kull min għandu f'qalbu n-namra għall-mużika. Ejjew naħdmu għalenija ħalli l-Banda tagħna tkompli miexja 'l quddiem u b'hekk isseddaq l-unur tar-raħal ta' l-Għarb!

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, f'isem l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni nixtieq inwassal l-isbaħ xewqat għal Milied qaddis u Sena Ġdida lilkom ir-residenti ta' l-Għarb, benefatturi, u emigranti.

**Alfred Cauchi**, Segretarju

## Radju Viżitazzjoni 92.4fm

Ħbieb, Radju Viżitazzjoni huwa wieħed mill-aktar għaqdiet importanti li għandna fir-raħal. Ir-radju tar-raħal huwa mezz li jżomm l-għaqda fir-raħal, iwassal il-messaġġi tal-Knisja u tal-għaqdiet kollha tar-raħal fid-djar tar-residenti. Aktar minn hekk, Radju Viżitazzjoni huwa leħen il-punent ta' Għawdex. Qed ngħid dan għaliex kulħadd jista' jisma' x'ikun għaddej fir-raħal tagħna permezz ta' Radju Viżitazzjoni u permezz ta' *live streaming* fuq l-internet li jaqbad minn madwar id-dinja kollha għall-emigranti mir-raħal tagħna. F'dawn l-aħħar sitt snin u nofs kemm ilu mwaqqaf Radju Viżitazzjoni għamilna iktar minn 18-il xahar ta' xandiriet kontinwi, tellajna programmi informattivi, reliġjużi u mużikali għal-familja kollha u ħafna żgħażagħ u residenti taw sehemhom fix-xandir. Aħna ninsabu kburin li raħal żgħir bħal ma hu l-Għarb għandna stazzjon tar-radju tagħna wkoll. Biex ir-radju jkun jista' jibqa' għaddej ikollna bżonn xi għajnuna finanzjarja wkoll. S'issa dejjem imxejna, grazzi wkoll għal xi residenti li tawna xi donazzjonijiet matul is-sena. Kif tafu, s'issa, r-radju tar-raħal tagħna kien jiftaħ biss 3 xhur f'sena. Mis-sena 2011 ħa nibdew inxandru xi ftit mużika, r-ružarju u l-quddiesa ta' filgħaxija matul is-sena kollha. Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod għenu jew għadhom jgħinu fir-radju. Min ikun irid jagħti daqqa t'id kemm b'xi programm jew fis-sezzjoni teknika (computer, recording, editing), jista' ikellimna. Kull organizazzjoni fir-raħal taħdem għal skop wieħed, għall-ġid tal-Għarb u biex jiġi onorat ir-raħal tagħna. L-istess jingħad għar-radju. Meta tħares lejn l-iskedi l-imgħoddija naraw kif ir-radju avvanza u għamel ħafna progress u bis-sehem ta' ħafna nies, aħna kapaċi intellgħu skedi tajbin u varjati iktar minn radjijiet oħrajn. Nixtieq lir-residenti kollha tal-Għarb u dawk li jgħixu barra mir-raħal, l-isbaħ xewqat, saħħa u paċi. Il-festi t-tajba.

**Joseph Mizzi**



## Messaġġ miċ-Ċentru

Kif tgħaddi sena! Xi ħadd qal: dment li għandna ż-żmien nagħmlu l-ġid. U kemm ġid nistgħu nagħmlu jekk ngħixu s-sejħa tagħna ta' nsara! Il-Parroċċa, bid-diversi strutturi tagħha, tagħtina ħafna opportunitajiet biex nagħmlu l-ġid.

Waħda minn dawn l-istrutturi fil-parroċċa, huwa ċ-Ċentru Parrokkjali, li jservi għal diversi għanjiet, fosthom, Laqgħat, Eżerċizzi Spiritwali, Ġimgħa taż-Żgħażagħ, Quddiesa tal-Ewwel Ġimgħa tax-xahar, Drama, Bar, kunċerti mill-Għaqda Mużikali u xandir minn Radju Viżitazzjoni.

Ħa ngħid xi ħaġa dwar xi inizjattivi għal dawn ix-xhur li ġejjin.

Se tingħata spinta lil laqgħat taż-żgħażagħ, li se jibdew isiru fiċ-Ċentru, kull nhar ta' Sibt fis-7.30pm u se jibdew fis-6 ta' Novembru.

Bħala attivitajiet tal-Palk, għandna l-kummiedja "Is-Sultan u l-Kaptan", ta' Trevor Zahra, li se tiġi ppreżentata qabel il-Milied. Hemm il-ħsieb li ntellgħu wkoll id-Dramm qasir "Kont jien". Se ntellghu wkoll varjetà għaż-żxmien tal-Karnival.

Bħala manutenzjoni, se nbiddlu l-aprimorta u l-arma tal-faċċata taċ-Ċentru u xogħol ta' żebgħa fuq ġewwa.

Ninqeda b'din l-okkażjoni biex, f'isem iċ-Ċentru Parrokkjali, ngħid 'grazzi' lill-ex-Arċipriet Carmelo Gauci, u nawgura lill-Arċipriet il-ġdid Kan. Dr Joseph Sultana, filwaqt li nawgura aktar ħidma, għaqda u koperazzjoni għall-ġid tal-Parroċċa.

**Kan. D. Guzepp Tabone**

## Għarb Rangers

Bħalma ħafna minkom jafu, l-Kumitat tal-Għarb Rangers FC ilu għal diversi snin jipprova jikseb postu 'l fuq fil-klassifika tal-futbol Għawdxi. Kien hemm xi staġuni fejn irnexxielu b'ħafna impenn mill-membri, iżda kull darba jispiċċa lura l-istaġun ta' wara peress li t-tim ikun magħmul minn plejers minn barra r-raħal.

Dan l-istaġun, aktar minn qatt qabel, il-kumitat iddeċieda li jibni fis-sod. Wara is-suċċess li ksibna l-istaġun l-ieħor fin-Nursery, bit-timijiet tal-Under 12 u tal-Under 14, il-kumitat għamel l-mira ewlenija tiegħu illi jagħti importanza aktar qawwija lit-timijiet tan-Nursery. Saħħaħna il-koperazzjoni bejn il-klabb tagħna u dak ta' St Lawrence FC. Fit-tim tal-Under 14 għandna plejers jilgħabu minn San Lawrenz u vice versa, fit-tim tal-Under 17 għandna plejers mir-raħal jilgħabu ma' St Lawrence FC. Il-kowċis tat-timijiet tal-Under 14 u l-Under 17 huma Vincent Agius mix-Xagħra u Anthony Camilleri mill-Għarb rispettivament. Anke din is-sena diġa bdejna niksbu riżultati pożittivi!

Teżisti wkoll din il-koperazzjoni bejn iż-żewġt irħula anke fit-timijiet tal-Under 8 u Under 10. Intant nappellaw lit-tfal, kemm subien u anke bniet, minn sitta sa għaxar snin, biex jingħaqdu man-Nursery. Din is-sena ingaġġajna kowċ li ħa jkun qed jieħu ħsieb is-sezzjoni tal-Under 8 u l-Under 10 biss. Kull min hu interessat jista' jikkuntattja lil Lawrence Cauchi fuq tel 99829435 jew lil Joseph Cauchi fuq 99425440.

Kelma fuq it-tim tal-kbar. Plejers mir-raħal kbar ftit li xejn baqa'. Sabiex it-tim tal-kbar ma jispiċċax fix-xejn, tim ta' dilettanti żgħażagħ qed jilgħab taħt l-isem tal-Għarb Rangers FC, anke bi plejers kbar mir-raħal li xtaqu jipparteċipaw. Ta' min isemmi illi anke dan it-tim sejjer mhux ħażin!

Is-sapport tagħkom huwa dejjem bżonnjuż. Kull għajnuna, kemm finanzjarja u anke fix-xogħol amministrattiv tal-kumitat, tkun ferm apprezzata. Nieħdu l-okkażjoni sabiex nawguraw lil kull wieħed u waħda minkom il-Milied it-Tajjeb u s-Sena d-Dieħla mimlija risq u paċi.

*Kumitat Għarb Rangers FC*

## *Ejja, Bambin Ġesù*

La Diċembru reġa' magħna
dlonk ninsabu fil-Milied;
din il-festa illi tnessi
kull tilwim, inkwiet u ġlied.

Għaliex meta fil-familja
titwieled tarbija ġdida
lilna lkoll tirfed u tgħaqqad
u tissoda daqs ħadida.

Aħsbu mela x'ferħ inġarrbu
mat-twelid tal-Bambin ċkejken
illi twieled fl-għar ta' Betlem
f'lejl mudlam, xitwi u msejken!

Iva, ejja, Bambin ħelu
mill-ġdid twieled ġewwa fina
u dewwaqna l-hena tiegħek
u l-ferħ ġenwin agħtina!

L-Għaqda Ħbieb minn tal-Presepju
qed tagħlaq ħamsa w għoxrin
mindu twieldet f'raħal ċkejken
sabiex lilek tgħożż u tqim,

billi tħeġġeġ lill-familji
il-Presepju jibnu d-dar:
fil-Milied dan huwa ċ-ċentru
tat-tfal, kbar, żgħar, għonja w fqar.

Bambin ċkejken, erġa' ejja
wara tant mijiet ta' snin;
ħalli l-grotta u l-maxtura –
aħna wliedek midinbin

li tant neħtiġuk bil-bosta
sabiex ngħixu lkoll henjin…
ibqa' dieħel fid-djar tagħna
sawwar tagħna d-destin!

Ma tistax timxi d-dinja
jekk din lilek ma tilqax;
ma tistax niesna tgħix hienja
jekk din lilek ma tismax.

Dal-Milied, Ġesù Tarbija
ħaġa waħda orbotna miegħek,
u bħar-rgħajja minn ta' Betlem
ilqagħna fl-imħabba tiegħek.

JOE M. ATTARD
Victoria, Għawdex, 2010

# Il-Kunsill jikseb fondi Ewropej għal xogħol ta' restawr mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali



Wieħed mill-proġetti kbar li fih kien impenjat il-Kunsill Lokali Għarb f'dawn l-aħħar snin kien żgur il-Proġett tar-Rijabilitazzjoni ta' Wied il-Mielaħ liema proġett l-Kunsill irnexxielu jakkwista fondi mill-Unjoni Ewropeja taħt il-programmi ta' fondi strutturali għal Malta.

Il-Kunsill però ma waqafx biss mall-proġett ta' Wied il-Mielaħ iżda impenja ruħu sabiex jikseb aktar fondi biex itejjeb partijiet oħra fir-raħal u l-area tal-madwar. Kien għalhekk li f'Mejju 2009 il-Kunsill issottometta l-applikazzjoni tiegħu taħt il-programm ta' fondi rurali għal Malta 2007 – 2013. Kien però ftit tax-xhur ilu biss li l-Kunsill ġie infurmat li din l-applikazzjoni ġiet milqugħa u gie approvat progett ta' €539,000.01 sabiex jinbeda dan il-proġett.

**X'ser jinkludi fih dan il-proġett:** Huma diversi postijiet storiċi tar-raħal li ser jaraw titjib fihom u fosthom insibu:

**Restawr tas-Salib tal-Pjazza:** Dan is-Salib kif żgur kull wieħed u waħda minnha jaf jinsab fi stat ħazin u huwa ta' bżonn imminenti ta' restawr. Dan huwa wieħed mill-monumenti storiċi tar-raħal tagħna mibni fis-seklu 17 kollu bil-ġebel u imnaqqax minn nies lokali. Sfortunatament f'dawn is-snin il-ġebel ta' dan is-salib ittiekel bil-melħ u partijiet minnu huma ukoll maqsuma. Huwa għalhekk li permezz ta' dawn il-fondi l-Kunsill ser ikun qiegħed jikkummissjona studju u jagħmel ir-restawr ta' dan is-salib.

Investimenti oħra li fihom ser jiġu utilizzati dawn il-fondi huma r-restawr tal-**Kappella taż-Żejt** u dik ta' **San Dimitri** fejn ser isir xogħol ta' restawr u manutezjoni sabiex dawn ma jiddeterjorawx iktar. Flimkien ma' dawn il-kappelli ser isir restawr ukoll ta' l-**Arkata** ta' Triq Sdieri liema arkata sfortunatament qegħda fi bżonn li jsirilha xogħol ta' manuntenzjoni sabiex ma ġġarabax iktar ħsara.

U fl-aħħar u mhux b'inqas ir-restawr ta' ħitan tas-sejjieħ f'diversi inħawi rurali ta' madwar ir-raħal. Dawn ser jgħinu biex itejbu ukoll il-passaġġi tar-raba' li minnhom ser igawdu mhux biss il-bdiewa li jidħlu f'dawn l-inħawi imma ukoll it-turisti li jkunu qed iduru f'dawn iż-żoni għal mixjiet fil-kampanja.

▶▶▶

Rural Development Programme for Malta 2007 – 2013

Axis 3 – Improving the Quality of Life in Rural Areas

Co-financing Rate: 75% European Union, 25% Government of Malta

The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe Investing in Rural Areas

The Gharb Local Council obtained EU funds for restoration works under the European Agriculture Funds for Rural Development (EAFRD).

The project will include interventions on various historical places around the locality as follows:

**Restoration of the Crucifix at Gharb Square:** The Cross is in a derelict state and is in an immediate need for restoration. This is a historical monument found in our locality dating back to the 17th century which has been engraved by local craftsmen. Part of this cross has eroded due to sea salt and some of its stones are also broken. Through these funds the Council will be commissioning a study and will be carrying out the necessary restoration works.

Other investments where these funds will be utilised will include the **restoration of two chapels, taz-Zejt and San Dimitri**. All the necessary maintenance and restoration works will be carried out in order to keep them in a good standing order. Together with these chapels the **bridge found at Sdieri Street** will also be restored.

Restoration works will also be carried out on **rubble walls** in the rural part of the locality. These works will improve the passageways in these areas which will be of help to the farmers and also to the tourists who will be passing through these passageways for country walks.







## LILL-ISQOF EMERITUS MONS. NIKOL Ġ. CAUCHI F'JUM IT-TLUQ TIEGĦU MINN DAN IL-WIED TAD-DMUGĦ



**Għal snin twal kont midħla tiegħek**
**Għax fik sibt l-aqwa ħabib;**
**Fik rajt dejjem bniedem għaqli**
**U ta' djulek żammejt qrib.**
**Berikt tiegħi l-għerusija**
**W imbagħad lili wkoll żewwiġt**
**Għal xhur sħaħ ilqajtni f'darek**
**Fit-Taljan lili ħarriġt.**
**Il-għerf tiegħek kont nammira,**
**Ma ħlejtx żmien, tħabbibt mal-ktieb,**
**Għax kont temmen dan jiftaħlek**
**Quddiemek kwalunkwe' bieb!**
**Il-kelma fuq fommok kienet**
**Qisha nota f'melodija**
**Illi tferraħ, thenni, sserraħ**
**U twieġeb kull mistoqsija.**
**Issa mort għand il-Ħallieq**
**Kif żgur dejjem kont tixtieq!**

***KAV. JOE M. ATTARD***



# Messaġġ mill-Arċipriet il-Ġdid



**Dr Joseph Sultana**

## IĊ-ĊIVILTÀ TAL-IMĦABBA

Ġejt mitlub nikteb dan l-ewwel messaġġ tiegħi bħala Arċipriet tal-kommunita parrokkjali tal-Għarb. Ma nistax ma nroddx ħajr lis-Sindku flimkien mal-Kunsilliera tal-għajnuna u koperazzjoni mill-aktar utli li sibt minnhom f'dawn l-ewwel ġimgħat ta' ħidma pastorali f'din il-parroċċa. Jiena nemmen li din il-koperazzjoni hija mill-aktar prezzjuża u għaldaqstant ta' min jieħu ħsiebha u jkattarha.

Fl-istess waqt, nagħraf li r-rwol tagħna bħala komunità ta' fidi huwa differenti minn dak mistenni mill-Kunsill Lokali. Imma f'dan l-ewwel messaġġ tiegħi ma xtaqtx li nitkellem fuq id-differenza fl-iskop li għandha l-parroċċa u l-Kunsill Lokali, imma dak li jgħaqqadna flimkien. Xtaqt nikteb fuq iċ-ċivilta' tal-imħabba li aħna lkoll mistennija li nkunu bennejja tagħha.

Kemm bħala parroċċa kif ukoll bħala Kunsill Lokali qegħdin nikkontribwixxu għall-bini ta' din iċ-ċivilta tal-imħabba. Forsi bi kliem aktar sempliċi, qegħdin naħdmu biex inkattru l-ġid komuni, ir-rispett lejn il-bniedem u dak kollu li huwa tiegħu, għajnuna lil dawk li l-aktar huma fil-ħtieġa bħalma huma l-anzjani, ġustizzja ma' min ġie traskurat u mwarrab, rispett lejn dawk ta' qabilna u dak li huma ħallewlna bħala wirt, u titjib fil-kwalità tal-ħajja. Dawn huma kwalitajiet li mingħajrhom jintilef l-iskop għalfejn aħna komunità parrokkjali u għalfejn għandna l-Kunsill Lokali għas-servizz tal-komunità tagħna. Jiena nemmen li dawn huma preżenti fl-operat tagħna, imma sewwa li lil hemm minn kull interessi oħra li jistgħu jitfaċċaw minn żmien għal żmien, nerġgħu niftakru li aħna msejjħin biex naqdu din il-missjoni li nibnu ċ-ċivilta tal-imħabba. Hija l-imħabba li toħloq l-aqwa u l-isbaħ ambjent li fih il-bniedem jista' jħoss tabilħaqq id-dinjità u s-sbuħija tal-ħajja.

Bħala Arċipriet insellem lir-residenti kollha tal-Għarb anke dawk barranin li għandna fostna. Jiena żgur li bil-għajnuna u s-sehem ta' kulħadd, kemm bħala parroċċa kif ukoll bħala Kunsill Lokali nistgħu nikkontribwixxu biex fostna titkattar l-imħabba, ir-rispett u l-għaqda. M'hemmx isbaħ milli nfittxu dak li jgħaqqadna u mhux dak li jifridna. Nawgura dan kollu biex il-ħidma fejjieda tal-Kunsill Lokali tal-Għarb tkompli titkattar u tisbieħ!

Fl-aħħarnett nagħti l-Milied it-tajjeb lis-Sindku u l-Kunsillieri flimkien mar-residenti kollha tal-Għarb. J'Alla jkunu ġranet li fihom nħossu s-sbuħija li naqsmu flimkien l-istess lokalità, l-istess toroq, l-istess ambjenti tal-ħajja ta' kuljum u fuq kollox l-istess komunità ta' fidi, bit-tama li flimkien nikbru u nkabbru ċ-ċivilta' tal-imħabba.

### Mons Nikol Ġ. Cauchi Isqof Emeritu ta' Għawdex

## *Tfulitu kif niftakru jien*

Niftakru li bħala tifel kellu d-don ta' mexxej. Hu kien iħabbrek biex jiġbor it-tfal ta' madwaru fl-Għarb. Fid-dar kellhom kamra laterali bil-bieb għat-triq. Hemmhekk kellu artal armat bħal tal-Knisja u kien jiġborna kollha, subien u bniet. Konna noqgħodu bil-qegħda fl-art u hu jagħmlilna priedka u xi funzjoni oħra.

Barra minnhekk, kien jiġborna lkoll fis-sqaq, faċċata tad-dar tagħhom, fejn kienet toqgħod il-familja tiegħi biss. F'dan is-sqaq kien hemm dar battala u ma' ġenbha kien hemm sqifa, ħnejja kbira miftuħa bi travu wieħed fin-nofs. Hemmhekk kien jiġborna ukoll. Darba għamel il-festa tal-Viżitazzjoni u għamilna purċissjoni. Żewġ subien quddiem kienu jżommu santa mdaqqsa flok il-vara. Għamel ukoll vapur żgħir bħal ma kienu jagħmlu lejlet il-festa li kien itelqu minn post fil-għoli għal naħa l-oħra. Dak l-imbierek vapur li kien għamel waqaflu fin-nofs. Meta xi tfal bdew jidħku, ħadu ċanfira tajba mingħandu. Kollha kemm aħna subien u bniet konna nobduh u nirrispettawh ħafna.

Imbagħad hu beda jmur is-Seminarju waqt li oħtu Teresina u jien konna mmorru l-Iskola Sekondarja tar-Rabat s'intendi dejjem bil-mixi . Aħna l-bniet konna nitilqu fis-7am u nimxu bil-mod. Meta naslu nofs triq u nħarsu lura konna naraw lil Dun Nikol, Dun Salv Camilleri u Dun Karm Galea (R.I.P.) għadhom ħdejn is-siġra fil-bidu tat-triq li tieħu għal Ta' Pinu. Imma fi kwarta kienu jgħadduna u ma' jibqgħux jidhru!!

Kolinu, kif kien jissejjaħ dak iż-żmien, imbgħad beda jiġbor lis-subien biss f'xi għalqa li kien hemm qrib id-dar. Meta daħal is-Seminarju, ma kienx jiġi d-dar ħlief fil-vaganzi tal-Għid, tas-Sajf u tal-Milied. Hekk spiċċa ż-żmien tat-tfulija tiegħu. Kien twajjeb, ħabrieki u ta' dixxiplina u kellu mħabba kbira għal Mulej u għal Madonna.

Nistgħu nifirħu, aħna n-nies ta' l-Għarb, li mir-raħal ċkejken tagħna ħareġ saċerdot ħabrieki, kappillan mill-aħjar u Isqof ta' għaqal u għerf kbir. Baqa' sa l-aħħar b'xi ċajta u tbissima. Issa mis-sema, jibqa' jieħu ħsieb id-Djoċesi t'Għawdex u wkoll ta' Raħal Twelidu.

Mons Nikol Cauchi itlob għalina.

***Esther Mizzi***

# Messaġġ mill-Arċipriet Emeritus

## Dun Karm Gauci



Fis-sitta ta' Marzu 1999, Mons. Ġużeppi Bajada, segretarju ta' l-Uffiċċju Kleru fil-Kurja għarrafni b'ittra li l-mibki Isqof Nikol Cauchi għoġbu jaħtarni Arċipriet tal-Parroċċa ta' l-Għarb. Ikolli ngħid li din kienet sorpriża għalija għax billi kont għalliem *full time*, qatt ma kien għaddieli minn moħħi li stajt nilħaq arċipriet. Ftit xhur wara mbagħad ħatarni kap ta' l-iskola tal-Konservatorju ta' l-Isqof. Għadni sal-lum grat lejn Mons. Isqof Cauchi li wera din il-fiduċja fija.

Minn dak inhar għaddew aktar minn ħdax-il sena u nista' ngħid li ma jiddispjaċinix ta' mument wieħed biss li kont fil-Parroċċa ta' l-Għarb. F'dawn il-ġranet kelli l-opportunità li bil-kalma nħares lura lejn dawn is-snin. Niftakar l-ewwel biċċa xogħol li konna għamilna kienu l-katusi ta' l-ilma għall-bejt tal-Knisja u l-*cushions* fil-bankijiet tal-knisja biex wieħed ma jweġġax meta joqgħod għarkobbtejh. Naħseb li kieku kelli niġbor il-ħidma tiegħi fl-Għarb nista' inqassamha fi tnejn:

1. **<u>Liturġija ħajja animata b'kant varjat u kelma t'Alla friska.</u>** Ma nafx kienx hawn parroċċa f'Għawdex li kellha kant hekk varjat daqskemm kellna aħna. Kont inħobb ninsisti li l-quddiesa għandha tkun parti mill-programm ta' kuljum. Dejjem emmint li l-abbatini għandhom rwol importanti fiċ-ċelebrazzjoni u nistqarr li kienu jgħinuni bil-presenza regolari tagħhom. Kont nieħu pjaċir inqarben il-morda nhar ta' Ħadd filgħodu biex dawn ukoll jiċċelebraw Jum il-Mulej. Dejjem emmint ukoll li l-wiċċ l-ieħor tal-liturġija hija l-katekeżi. Dak il-grupp sabiħ ta' irġiel ta' l-Azzjoni Kattolika u grupp sabiħ ieħor ta' nisa fl-Azzjoni Kattolika ta' nhar ta' Erbgħa kienu sodisfazzjon għalija. Ma' dawn il-grupp tal-koppji u l-leġjunarji bil-ħidma siewja u bla storbju tagħhom fil-parroċċa. Dejjem kelli għal qalbi l-istudenti ta' wara l-griżma għax kont nara fihom il-futur. Is-sehem tal-parroċċa tagħna f'attivitajiet djoċesani, ħafna drabi kien igħaddi lil dak ta' parroċċi ferm akbar minna u dan kien sinjal ta' ħajja u jimlieni bil-kuraġġ.

2. **<u>Iċ-celebrazzjoni tal-bniedem sħiħ.</u>** Dejjem emmint li l-bniedem huwa ġisem u ruħ u li ma jkunx sew li nieħdu ħsieb ir-ruħ biss. Sħaqt kemm flaħt li l-komunità hija l-qafas fejn jimmatura l-individwu u li l-ħarba mill-komunità hija forma ta' mard. Għadni niftakar bi pjaċir ix-xarabank għall-bahar fis-sajf, il-ħarġiet għal Malta u għal Kemmuna, is-safriet għal Fatima, Lourdes u Sqallija. Kien għal qalbi l-*camping* ta' l-abbatini u l-ħarġiet Malta magħhom. Ma nistax ma nsemmix il-kontribut tad-diversi gruppi u kumitati, fosthom dak tal-Coffee Mornings li kien ta' għajnuna kbira għall-knisja. Darba wkoll kont għamilt proponiment li kull darba li nsiefer inġib xi ħaġa sabiħa għall-knisja. Ma jiddispjaċinix. Minn Fatima ġibt par gandlieri zgħar għal fuq l-artal għall-festa. Minn Lourdes ġibt kalċi u par impullozzi. Minn Ruma ġibt akkolti, pissidi, diversi pjaneti u sett pjaneti għall-festa, rigal tal-25 anniversarju ta' l-ordinazzjoni tiegħi. Minn Ateni ġibt tliet evanġelarji mill-isbaħ u minn Ġerusalemm ġibt żewġ kalċijiet. Aħfruli li qed niftaħar. Forsi wkoll qed niżbalja għax is-suċċess ta' kappillan ma jitkejjilx minn kemm jagħmel affarijiet imma minn kemm jirnexxilu jibni komunità u juriha l-wiċċ sabiħ ta' Kristu. Dejjem ammirajt ukoll iż-żgħażagħ fl-Għaqda Mużikali 'Viżitazzjoni' u l-grupp ċkejken ta' żgħażagħ oħra li jagħtu s-servizz utli ta' Radju Viżitazzjoni.

Żgur li kien hemm affarijiet li stajt għamilt jew li forsi setgħu marru aħjar. Żgur ukoll li kien hemm affarijiet li setgħu dejqu lil xi ħadd. Imma dejjem poġġejt il-parroċċa tagħna fl-ewwel post u ġie li stagħġibt f'qalbi kif nies mill-Għarb stess, bil-fatti, ma kellhomx għal qalbhom dawn is-sentimenti jew ma felħux jikkoperaw u baqgħu 'l bogħod. Imma nifhem li lkoll kemm aħna mimlijin difetti u għandna bżonn ta' ħafna mogħdrija ma' xulxin. Kien hemm ukoll mumenti li niktuni jew li weġġgħuli qalbi imma din hija ħaġa normali għal kull min ikollu r-responsabbiltà tat-tmexxija. Jien ma kontx imdejjaq l-Għarb u dejjem ħdimt bil-qalb. Dejjem emmint li din kienet l-għalqa li l-Mulej fdali biex naħdem fiha. Irrid ngħid li fl-Għarb sibt ħafna apprezzament, imħabba u għajnuna, forsi aktar milli kien ħaqqni. Jien sempliċement fittixt li nagħmel dmiri bħala saċerdot.

Meta Mons Isqof Mario Grech qalli li kien għamel il-ħsieb li jneħħini minn Arċipriet ta' l-Għarb inħsadt u dritt bdejt naħseb fejn stajt żbaljajt jew għamilt ħażin. Fhimt imma li kien wasal żmien it-tiġdid kemm għall-parroċċa kif ukoll għalija. Għalhekk nifraħ lill-Arċipriet il-ġdid Mons. Joseph Sultana u minn qalbi nbierek lill-komunità kollha ta' l-Għarb fejn għaddejt żmien sabiħ minn ħajti fis-servizz ta' Alla.




# L-aħħar vjaġġ Missjunarju Tiegħi???

Esther Mizzi

Madwar 3 xhur ilu, irċevejt ittra mingħand Missjunarju Indjan li kont nafu meta mort fejn D. Karm Attard l-Indja. Qalli li qiegħed Ruma fimkien ma' Brother Salesjan Taljan għall-kors ta' studju.

Xtaqu ħafna jiġu Malta biex jaraw il-pajjiż ta' D. Karm. B'xorti ħażina, l-qassis Indjan kellu visa għall-Italja biss u ma setgħux jiġu.

Tant kienu ddiżappuntati li ħsibt li immur fejnhom jien Ruma. Tgħidx kemm ferħu li almenu se jaraw lili. Fis-16 ta' Novembru tlaqt għal Ruma. Ma batejtx għax kelli bbukkjat is-siġġu tar-roti. Bih ħaduni fejn l-ajruplan u tellgħuni bil-lift bla taħbit ta' xejn.

Meta wasalt Fiumicino erġajt kelli l-*wheelchair* u barra, sibt jistennewni lil Fr. Glorius Siemlieh S.D.B. Indjan u lil Brother Columbi S.D.B. ukoll imma Taljan. Dan tal-aħħar qed imexxi Savio Juniorate flok D. Karm Attard.



Fraħna ħafna b'xulxin u ħaduni magħhom f'Istitut Salezjan li fih joqgħodu dawk li jiġu jistudjaw Ruma. Kien hemm madwar 25 minn bosta pajjiżi, imma kulħadd jitkellem bl-Ingliz. Hemm ġejt mogħtija kamra għalija u kelli t-toilet bis-shower ħdejja. Kont nieħu l-breakfast ma' Fr. Glorius u Bro. Columbi u mbagħad noħorġu bit-taxi. L-Erbgħa filgħodu morna l-Vatikan għall-udjenza tal-Papa. Kien bnazzi perfett u s-sħana. Konna grupp imħallat u l-postijiet riservati kollha kienu Sależjani minn bosta pajjiżi. Konna fil-ġenb tat-taraġ ta' S. Pietru imma quddiem. B'xorti ħażina, l-Papa għadda fuq il-Mobile tiegħu min-naħa l-oħra, imma tassew ħadt pjaċir. Wara dħalna fil-Vatikan. Għamlu xi tibdil biex ikun hemm iżjed sigurezza. Dħalna kilna xi ħaġa f'ristorant, dorna xi knejjes oħra u mbagħad inġbarna. Dejjem konna nikru taxi imma billi għandhom il-meter qatt ma ħallast iżjed minn €18.

Fis-17 ta' Novembru (l-Erbgħa) tlabt lil Fr. Glorius iqaddes il-quddiesa għar-ruħ il-maħbub Isqof Nikol Cauchi. Fuq l-ajruplan kont sibt gazzetta bl-Ingliz u kellha ritratt ta' l-Isqof u artiklu dwaru. Għalhekk kienu jafu min hu.

Fid-19 ta' Novembru kien il-5 anniversarju mill-mewt ta' D. Karm Attard. Il-quddiesa kienet għal ruħu (dejjem konċelebrazzjoni). Qabel il-quddiesa, qaluli ngħid kelmtejn dwaru bl-Ingliz. Wara qrajt il-lezzjoni u s-Salm Responsarjali bit-Taljan. Min jaf kemm kien kuntent l-għażiż D. Karm jarani magħhom!! Fit-3 t'ijiem li bqajt magħhom dawruni ħafna knejjes u postijiet. Jien, għalija, kien biżżejjed li rajt u gawdejt lil dawn il-Missjunarji. Fl-aħħar ikla tal-Ġimgħa xtrajtilhom il-ġelat għal kulħadd u tgħidx kemm ferħu bih.

Is-Sibt filgħodu wassluni l-Airport u kelli vjaġġ tajjeb lura. Dħalt id-dar għajjiena ħafna imma kuntenta li fraħt u ferraħt. Mission Accomplished.

***Grazzi Dejjem lil Mulej!!***



## ROKNA TABIB

# It-Tipjip u s-Sigaretti

Dr Anette Cauchi MD

Tgħid smajna biżżejjed fuq il-ħsara li jagħmlu s-sigaretti? Qed nagħmlu ħilitna kollha biex nippruvaw naqtgħu dan il-vizzju li qed iwassal għal imwiet ta' ħafna nies?

It-tipjip huwa l-metodu ta' kif ċertu sustanzi, bħat-tabakk jew il-kannabis, jiġu maħruqa u d-duħħan li joħroġ fil-proċess jasal fil-pulmun billi jittieħed nifs fil-fond. It-tabakk huwa wieħed mill-iktar sustanzi komuni li jinħaraq, filwaqt li s-sigaretti huma l-iktar mezz komuni li jintuża biex jinħaraq t-tabakk.

It-tabakk huwa wieħed mill-ikbar kaġuni ta' mwiet li jistgħu jiġu evitati fid-dinja kollha. Ħafna nies għandhom l-ideja li it-tabakk iwassal għall-mard tal-pulmuni biss. Però nafu fiċ-ċert li it-tabakk jaffettwa organi oħra fil-ġisem u jista' jikkawża attakki tal-qalb, puplesiji, pressjoni għolja, problemi biċ-ċirkulazzjoni tas-saqajn u kancers tal-pulmun, tal-ħalq, tal-gerżuma, tal-frixa u tal-bużżieqa ta' l-awrina. Is-sigaretti jagħmlu wkoll lill-persuna iktar vulnerabbli għal infezzjonijiet, l-iktar tal-pulmun.

Barra minnhekk, it-tipjip waqt it-tqala jista' jwassal għat-telfien tat-tarbija fil-guf kif ukoll it-twelid ta' trabi żgħar ħafna jew li t-trabi jitwieldu qabel iż-żmien mistenni. Ma rridux ninsew ukoll l-ħsara tas-sigaretti fuq it-tarbija malli titwieled, jekk l-omm tibqa' tpejjep. Fl-aħħar u mhux l-inqas, is-sigaretti jaffettwaw ukoll l-attività sesswali tar-raġel u jista' jagħti l-każ li jiġi impotenti. Dan imbagħad jista' joħloq problemi fil-familja u xi kultant anke jwassal għal separazzjonijiet u divorzji.

Apparti dan il-mard, wieħed ma jistax jinsa wkoll l-effetti psikoloġiċi li jikkawżaw is-sigaretti. In-nikotina li nsibu fit-tabakk hija stimulant, jiġifieri iġġiegħel lil persuna tkun iktar fuq tagħha u iktar konċentrata għal ftit tal-ħin. Huma dawn l-effetti pożittivi li jwasslu lill- persuna biex tibqa' tpejjep u allura biex tipprova taqta dan il-vizzju tat-tipjip, tħossha diffiċli ħafna. Barra minnhekk, nies li jpejpu jgħidu li t-tipjip jgħinhom jikkalmaw. Però meta n-nies li jpejpu jiġu fi stat fejn ma jistgħux jgħaddu mingħajr in-nikotina, dan jikkawza iktar stress. Dan huwa kkonfermat fil-ħajja ta' kuljum ta' dawn in-nies, fejn ikollhom burdata tajba waqt li jkunu jpejpu u burdata inqas tajba bejn sigarett u ieħor. Allura meta dawn in-nies jgħidu li s-sigaretti jikkalmawhom, li jkun qed jiġri hu li s-sigaretti jkunu qed ireġġgħu lura t-tensjoni li tkun inħolqot fil-bidu waqt li ma jkunux ħadu n-nikotina.

X'nistgħu nagħmlu biex nippruvaw naqtgħu dan il-vizzju tas-sigaretti?

Jeżistu *patches, gums, sprays* u ħelu tan-nikotina li xogħolhom hu li jagħtu biżżejjed nikotina lill-ġisem biex inaqqsu l-aptit għas-sigaretti, però fl-istess ħin l-ammont ta' nikotina f'dawn il-prodotti jkun tant li ma jesponix lil persuna għar-riskji tas-sigaretti. Dan il-metodu biex taqta' is-sigaretti huwa iktar effettiv meta jiġi użat flimkien ma' mediċini oħra li hemm bħalissa fis-suq li qed jintużaw għal dan l-iskop kif ukoll mas-sapport psikologiku li jista' jiġi offrut mingħand it-tobba u persuni oħra li huma mħarġa f'dan l-aspett.

Kulħadd ħajja waħda għandu u ħajja li hi qasira ħafna u prezzjuża. Is-saħħa tagħna tiġi l-ewwel u qabel kollox. Żgur li ħadd ma jixtieq jimrad u jgħaddi minn esperjenza kerha. Ejjew mela ma nfittxuħx il-mard aħna stess u nieħdu deċiżjoni li nieqfu npejpu. Għax imbagħad ta' xejn nindunaw x'ħin ikun tard wisq. Il-Malti jgħid: ta' xejn tagħlaq l-istalla meta ż-żiemel ikun laħaq ħarab!



# Il-Kunsill Lokali tal-Għarb ilesti xogħlijiet konnessi ma' Mixja fil-Kampanja ta' Wied il-Mielaħ b'fondi tal-Ewropa bħala parti mit-Tieni Fażi tal-proġett f'Wied il-Mielaħ fil-Għarb – Lejn Turiżmu Ekoloġikament u Kulturalment Sostenibbli



Wara li l-Kunsill Lokali Għarb wettaq b'suċċess l-ewwel fażi ta' proġett ambjentali f'Wied il-Mielaħ, grazzi għall-għajnuna ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004 – 2006, l-istess Kunsill reġa ngħata għajnuna biex għadda għat-tieni fażi ta' dan il-proġett ambizzjuż li daħal għalih. Din id-darba ngħata għajnuna ta' €569715 taħt il-Fond ta' Koeżjoni 2007 – 2013.

Fl-ewwel fażi tal-proġett il-Kunsill setà jwettaq xogħol ta' konservazzjoni u protezzjoni ta' Wied il-Mielaħ - xogħolijiet relatati mall-kostruzzjoni u rranġar ta' parti mill-ħitan tas-sejjieħ li l-iktar li kienu fi stat ħażin, kif ukoll parti mit-tindif tal-Wied. Permezz tax-xogħolijiet li twettqu issa, l-Kunsill qed jibdel l-inħawi ta' Wied il-Mielaħ u 'l madwar fi proġett ta' mixjiet fil-kampanja biex itejjeb il-prodott turistiku f'Għawdex.

Ix-xogħolijiet li jitwettqu fuq programm ta' madwar 20 xahar kienu jinkludu fost l-oħrajn:

- Ingħata wiċċ ġdid lit-triq u nbena ċint matul it-triq kollha.
- Tjiebet l-aċċessibilità permezz tal-bini ta' 8 pontijiet.
- Sar tindif tal-Wied fejn bi 2392.77 $m^3$ ta' ħamrija reġgħet tpoġġiet fl-egħlieqi tal-viċin.
- Inbnew 931m ta' ħitan tas-sejjieħ kif ukoll bini ta' 6 digi li ser ikunu jilqgħu b' 7200$m^3$ ta' ilma.
- Tħawlu siġar kif ukoll tpoġġew bankijiet.
- Tranġa t-taraġ li jinżel għall-baħar biex bugħaddasa jkunu jistgħu jgħoddsu anke f'dawn l-inħawi hekk kif id-drenaġġ ma jitħalliex iktar jintefa' fil-baħar.
- Tpoġġew *cameras* ta' sigurtà li jaħdmu permezz ta' enerġija solari.
- Twaħħlu tabelli indikattivi biex iservu ta' għajnuna għal min ma jkunx midħla ta' dawn l-inħawi
- Ġie ppubblikat materjal informattiv bi brochures u ktejjeb dwar l-inħawi ta' Wied il-Mielaħ u postijiet oħra ta' interess fl-Għarb biex jintużaw bħala għajnuna għat-turisiti li jinżlu fl-inħawi ta' Wied il-Mielaħ.
- Inħolqot link fuq il-Website tal-Kunsill biex tirreklama l-proġett u tippromwovi turiżmu ta' mixjiet fil-kampanja.
- Tpoġġa apparat awdjoviżiv kif ukoll tromba biex igħinu ukoll lit-turist li jżur il-post igawdi aħjar l-inħawi naturali.

Permezz ta' dan il-Proġett il-Kunsill issa ser ikun qed jippromwovi l-prodott turistiku ta' Għawdex b'mod partikolari tar-raħal tal-Għarb. L-iskop aħħari tiegħu huwa li joffri prodott turistiku rinnovat lill-viżitatur barrani u lokali li jżur lil Għawdex speċifikament għall-mixjiet fil-kampanja. Dan ser jagħmel lir-raħal tal-Għarb iktar kompetittiv f'dak li huwa destinazzjoni turistika rurali. B'dan il-mod il-Kunsill qed ukoll ikun pijunier f'dan il-qasam anke fil-viżjoni tal-Gvern li jagħmel minn Għawdex Gżira Ekoloġika.

Il-Kunsill jemmen ferm fil-potenzjal ta' din il-ġawhra unika ta' dan il-Wied b'mod partikolari għat-tieqa ffurmata b'mod naturali fil-blat u l-baħar ta' l-inħawi li huwa imfittex kemm għas-sajd u kemm għandu potenzjal kbir biex ikun sit ieħor għall-bugħaddasa.

Il-mira tal-Kunsill mhix biss li l-inħawi ta' Wied il-Mielaħ jitgawdew mit-turisti imma ukoll li dan il-post jitgawda iktar mill-Għawdxin u mir-residenti tal-Għarb għax ser ikun qed joffri post idejali ta' mistrieħ għal kulħadd u partikolarment għall-familji. F'dawn l-inħawi l-Kunsill ser ikun ukoll jippromwovi ħarġiet bid-dgħajsa, bir-rota u *horse riding* waqt li min juża din il-mixja jkun jista' ukoll iżur postijiet li hemm imxerda mal-Għarb fejn hemm l-għasir tal-imbid, taż-żejt, fejn isiru ġbejniet u għasel tipiku Għawdxi.

**Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013**
**Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life**
**Project part-financed by the European Union**
**European Regional Development Fund (ERDF)**
**Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds**

**Investing in your future**

# The Gharb Local Council has now completed the works in connection with the Country Walk at Wied il-Mielah through EU funds as part of project, Wied il-Mielah, towards an ecologically and culturally sensitive sustainable tourism

After the completion with success of the first phase of the Wied il-Mielah environmental project, thanks to Structural Funds for Malta 2004-2006, the Council was once again awarded funds for the completion of the second phase of this ambitious project. The funds awarded for the second phase were of a total of €569715, this time under Cohesion Policy 2007-2013.

The first phase of the project addressed works related to conservation and protection of Wied il-Mielah. These works included the construction and improvement of rubble walls which were in the most derelict state and also the cleaning of part of the valley. Through the works done during the second phase the Council turned Wied il-Mielah and its surroundings into an area ideal for Country Walks to improve the Gozitan touristic product.

The works carried out in a program which lasted around 20 months included amongst others the following:

- Road resurfacing and construction of boundary wall along the street.
- Improved accessibility through the construction of 8 bridges.
- Cleaning of the valley including the redepositing of 2392.77$m^3$ of soil in the neighbouring fields.
- Construction of 931m of rubble walls and 6 valley dams that will be holding a total of 7200$m^3$ of water.
- Planting of trees and installation of rustic furniture.
- Repairs were also made to the stairs leading to the sea so that divers can start using this area as soon as the drainage stops outflowing at Wied il-Mielah.
- Solar energy powered security cameras were also installed.
- Indicative Signs for all the visitors / tourists visiting the area.
- Publication of information brochures and booklets

INVESTING IN YOUR FUTURE
EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
MALTA 2007-2013

- Creation of a link on the Council's website to give the necessary publicity to the project and to promote tourism in country walks.
- Audiovisual equipment and binocular to help tourists visiting the area enjoy more this natural site.

Through this project the Council will now be promoting the Gozitan touristic product and particulary Gharb. It's final aim is to offer a renovated product to local and foreign tourists visiting Gozo specifically for country walks. This will contribute in making the locality more competitive as a rural touristic destination. In this way the Council will also be a pioneer in this sector as regards the Government's vision of making Gozo an Ecological Island.

The Council firmly believes in the potential of the unique treasure found in this valley in particular the natural window formed in the rocks and the surrounding sea which is sought after for fishing and is also a potential diving site.

The aim of the Council is not only that Wied il-Mielah is sought after by tourists but an area which can be enjoyed more by Gozitan and Gharb residents since it offers an ideal recreational site for all the family. In this area the Council will also be promoting boat and bicycle trips and horse riding whilst everyone visiting the country walk will also be enjoying other places of interest in the locality including oil and wine making, production of Gozitan cheese and also of typical Gozitan honey.



# Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali

## Librerija / Library

Il-librerija tiftaħ kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis bejn id-9am u l-11am kif ukoll il-Ġimgħa bejn is-2.30pm u l-4.30pm. Ġewwa l-librerija wieħed isib għażla vasta ta' kotba kemm għal kbar kif ukoll għaż-żgħar. Din l-għażla qegħda tiżdied ta' spiss fejn il-Kunsill impenja ruħu jġib kotba ġodda. Dawn jiżdiedu ukoll permezz ta' donazzjonijiet ta' kotba mir-residenti.

The library opens every Tuesday and Thursday between 9am and 11am and Friday between 2.30am and 4.30pm. The library offers a vast choice of books both for adults and children. The Council is committed to furnish the library with new books and therefore the choice is being upgraded on a regular basis. The books are also increasing thanks to donations from residents.

## Internet

Servizz ieħor li jiġi offrut minn ġewwa l-istess librerija huwa dak ta' l-Internet. Dan is-servizz huwa miftuħ għall-pubbliku permezz ta' sistema wireless mingħajr ħlas. Huwa għalhekk li min ikun jixtieq jista' jaċċessa għall-internet minn fuq laptop tiegħu. Il-ħinijiet ta' ftuħ għal dan is-servizz huma mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8am sat-3.30pm u s-Sibt mit-8.30am sal-11am.

Another service being offered from the library is that of an internet service. This service is available to the public through a wireless system and it is also free of charge. Since that it is a wireless system anyone can access the internet from his laptop. The service is available from Monday to Friday from 8am to 3.30pm and Saturday from 8.30am to 11am.

## Tindif ta' Toroq / Street Cleaning

Il-Kunsill huwa ukoll responsabbli mit-tindif tat-toroq madwar ir-raħal. Dan is-servizz jiġi mogħti permezz ta' kenniesa li matul il-jum iduru madwar ir-raħal inaddfu u jaqtgħu l-ħaxix ħażin. Għalkemm dan is-servizz qed jiġi offrut mill-Kunsill xorta għandna nkunu konxji ta' l-ambjent ta' madwarna billi nieħdu ħsieb inżommu t-toroq tagħna nodfa.

The Council is responsible for the cleaning of the streets within the locality. This service is given by street sweepers who take care in sweeping the streets and cutting the grass on a daily basis. Although the Council offers this service residents should keep in mind that everyone's help and co-operation helps in keeping the environment we live in always clean.

## Skart Goff / Bulky Refuse

Il-Kunsill joffri ukoll servizz ta' ġbir ta' skart goff mid-djar liema servizz jiġi offrut mingħajr ħlas. Kull min ikollu bżonn ta' dan is-servizz irid iċempel il-Kunsill Lokali u jagħti id-dettalji tiegħu u ta' l-iskart li jkun irid jarmi. Il-Kunsill min-naħa tiegħu jagħmel it-talba lid-Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika fejn dawn jieħdu ħsieb jinfurmaw lir-residenti dwar il-ġurnata u l-ħin li fih ikunu ser jiġbru l-iskart. Huwa importanti li wieħed jinnota li materjal tal-ġnien ma jinġabarx permezz ta' dan is-servizz.

The Council offers bulky refuse service directly from the residents' homes. To use this service residents are requested to call at the Council giving their details together with information about the items they want to dispose of. The Council will then forward the details to the Public Cleansing Section who will take care to collect the refuse. It is important to note that garden material is not accepted.

## Open Skips

Il-Kunsill joffri ukoll servizz ta' ġbir ta' skart goff permezz ta' open skip. Dan is-servizz jingħata kull nhar ta' Sibt fi Triq Tumas Cassar bejn id-9am u l-10.30am filwaqt li bejn l-10.30am u l-11am dan is-servizz ikun qiegħed jingħata minn Pjazza San Pietru. Ġewwa dan l-iskip jista' jintefa' fih kull tip ta' skart goff.

The Council also offers the services of an open skip for the deposit of bulk refuse. This service is given every Saturday at Tumas Cassar Street between 9am and 10.30am whilst between 10.30am and 11am this service is available at St. Peter Square. This service is for any type of bulky refuse.

## Servizzi ta' Ħlasijiet / Payment Services

Il-Kunsill Lokali jaċċetta ukoll diversi ħlasijiet fejn fost oħrajn insibu ħlasijiet ta' kontravenzjonijiet kemm tal-Pulizija kif ukoll tal-Gwardjani Lokali kemm dawk mogħtija fl-Għarb kif ukoll dawk mogħtija fil-lokalitajiet oħra. Barra minnhekk fil-Kunsill jiġu aċċettati ukoll ħlasijiet ta' liċenzji tal-Kummerċ u MTA kif ukoll tal-kera ta' raba' tal-Gvern.

The Council accepts various payments. Amongst others the Council accepts contravention payments given by both Police and Local Wardens throughout Malta and Gozo. Apart from this the Council also accepts payments for MTA licenses and Government land rent.

## Riċiklaġġ / Recycling

Minbarra s-servizz ta' ġbir ta' skart għar-reċiklaġġ kull nhar ta' Tlieta bieb bieb fil-lokalità insibu ukoll faċilità ta' separazzjoni ta' skart magħrufa bħala *bring in site* li tinsab fejn il-gate ta' l-Iskola Primarja. Din tikkonsisti f'bins apposta li huma b'kuluri differenti li fihom wieħed jista' jitfa' r-reċipjenti. Il-kuluri huma blu għall-plastic, kannella għall-ħġieġ, iswed għall-metal u abjad għall-karti. Bin ieħor li jintuża għar-rimi ta' batteriji jinsab ġewwa l-uffiċju tal-Kunsill. Il-parteċipazzjoni ta' kulħadd hija importanti sabiex ikollna l-ambjent li ngħixu fih dejjem nadif.

Apart from the door to door recycled refuse collection, the Council also offers the collection of recycled refuse through the bring in sites. This site which is found next to the school gate and has four different colored bins where one can dispose of the recycled refuse. The colors represent the following:- blue for plastic, brown for glass, black for metal and white for paper. Apart from this a bin for the disposal of batteries is found within the Council's offices. Everyone's participation is important so that we can protect our environment and make good use of these services.

## Ġbir ta' Skart / Refuse Collection

Il-Kunsill huwa responsabbli mill-ġbir ta' skart bieb bieb. Dan il-ġbir isir skond l-iskeda segwenti:-

**Minn Lulju sa Settembru**

It-Tnejn, l-Erbgħa, l-Ħamis u l-Ġimgħa - Ġbir ta' skart normali u jibda' fis-7.30am

Is-Sibt - Ġbir ta' Skart normali u jibda' fin-12.30pm

It-Tlieta – Ġbir ta' skart għar-reċiklaġġ u jibda' fit-7.30am

**Minn Ottubru sa Ġunju**

It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa – Ġbir ta' skart normali u jibda' fis-7.30am

Is-Sibt – Ġbir ta' skart normali u jibda' fin-12.30pm

It-Tlieta – Ġbir ta' skart għar-reċiklaġġ u jibda' fis-7.30am

Meta l-ġbir isir filgħodu huwa importanti li l-iskart jinħareġ bejn is-7am u s-7.30am filwaqt li meta jinġabar wara nofs in-nhar huwa importanti li jinħareġ bejn 12pm u n-12.30pm. Huwa importanti ukoll li l-iskart għar-reċiklaġġ jinħareġ ġewwa l-borża l-griza.

The Council is responsible for the collection of the door to door refuse collection. The collection schedule is as follows:-

**From July to September**

Monday, Wednesday, Thursday and Friday – Collection of normal refuse starting at 7.30am

Saturday – Collection of normal refuse starting at 12.30pm

Tuesday – Collection of Recycled Refuse starting at 7.30am

**From October to June**

Monday, Wednesday and Friday – Collection of Normal Refuse starting at 7.30am

Saturday – Collection of Normal Refuse starting at 12.30pm

Tuesday – Collection of Normal Refuse starting at 7.30am

It is important to note that when the collection is carried out in the morning, the refuse is left outside between 7am and 7.30am whilst when the collection is held in the afternoon the refuse is left outside between 12pm and 12.30pm. Please also note that only grey bags should be used for the recycled refuse.

## Ċentru ta' Matul il-Jum / Day Care Centre

Ta' kull nhar ta' Tnejn l-anzjani kollha jistgħu jattendu għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum ġewwa Għajnsielem. It-transport jitlaq mill-Pjazza Żjara tal-Madonna fit-8.30am. Din hija opportunità għall-anzjani sabiex jissoċjalizzaw u jintegraw f'ambjent maħsub apposta għalihom. Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jċempel il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill iħeġġeġ aktar parteċipazzjoni speċjalment l-anzjani irġiel.

Every Monday the elderly can attend the Day Care Centre at Ghajnsielem. The transport leaves Pjazza Zjara tal-Madonna at 8.30am. This is an opportunity for the elderly to socialize and integrate in a warm environment. More information can be obtained by calling the Gharb Local Council. The Council encourages more participation especially by elderly men.

## Manutenzjoni tad-Dawl / Maintenance Street Lighting

Il-Kunsill huwa ukoll responsabbli mid-dawl tat-toroq tal-lokalità. Għalkemm dan is-settur huwa fir-responsabilità tal-Kunsill, il-Kunsill huwa però responsabbli minn dawk il-lampi li huma imwaħħla mad-djar. Il-lampi l-oħra li huma imwaħħla ma' arbli dawn huma responsabilità ta' l-Enemalta. Huwa għalhekk importanti li jiġu osservati dawn l-istruzzjonijiet meta jkun hemm xi bozza li tkun bil-ħsara. L-ewwelnett għandna naraw jekk il-lampa hijiex imwaħħla mall-ħajt jew ma' l-arblu. It-tieni pass ghandna infittxu n-numru li jkun imwaħħal mall-bozza. Dan huwa numru indikattiv tal-bozza. Fin-nuqqas ta' dan il-bozza tiġi rrapurtata bl-indirizz ta' fejn tkun qegħda. Dawn ir-rapporti għandhom isiru ġewwa l-Kunsill u min-naħa tiegħu l-Kunsill jieħu l-azzjoni billi jirraporta l-bozza lil persuna / entità responsabbli jiġifieri jew lill-Kuntrattur jew lill-Enemalta.

The Council takes care of the street lighting maintenance. Although this sector is under the Council's responsibility, the Council is only responsible for the maintenance of those lamps which are fixed to the households. The other lamps which are fixed to poles are Enemalta's responsibility. It is important that the following instructions are followed when a lamp is not functioning. First of all it must be identified if the lamp is fixed to a house or to a pole. The second step is to search for the number attached to the lamp. This number is identicative and therefore important when reporting the lamp. In the absence of this number the lamp has to be reported by the address where it is to be found. All reports are to be forwarded to the Council and from its side the Council reports the lamp to the responsible person / entity i.e. either to the Contractor or to Enemalta.

## Permessi / Permits

Il-Kunsill joħroġ ukoll diversi tipi ta' permessi fejn fost oħrajn insibu dawn segwenti:
Permessi għal depożitu jew użu ta' krejn jew Makkinarju fit-toroq,
Permessi għat-tpoġġija ta' materjal tal-bini jew materjal ieħor (li tinkludi ukoll tqegħid ta' skips),
Permessi għall-Kiddie Riding Machines; Automatic Vending Machines;
Permessi għal divertiment Okkażjonali,
Permessi għat-tqegħid temporanju ta' imwejjed u siġġijiet u
Permessi għall-Kiosks kif ukoll liċenzja marbuta ma' l-applikazzjoni għas-servizz tad-drenaġġ.
Kull min ikun jinħtieġ permess għandu javviċina l-Kunsill sa minn 48 siegħa qabel ma jkun ser isir ix-xogħol.

The Council issues various types of permits as follows:-
Permits for the deposit or use of crane or other machinery,
Permits for deposit of building and other material (like for example skips),
Permits for Kiddie Ride Machines or automatic Vending Machines,
Permits for occasional entertainment,
Permits for deposit of tables and chairs to provide food and beverages,
Placement of stall or kiosk and Trenching Permits.

Everyone who needs one of the above mentioned permits is requested to call at the Council 48 hours in advance.

# Children's Corner

## Have you ever wondered how a kite flies? Well, let me tell you!!

The lifting force of all kites is produced by deflecting the air downward, the resulting change in momentum producing an upward force. The reason for this is that the air traveling over the top of the curved surface of the kite is going faster than the air passing underneath. Fast-moving air creates less pressure; this means there is more pressure underneath the kite, and this helps to force it upwards.

Think of the kite as a sail boat, catching the air. The air tries to push the kite along like the sail boat. But the string the flyer holds keeps the kite tethered. Since the kite cannot go with the wind flow and the kite is tilted so that the air is deflected downward, the kite has no where to go but up.

Both the lift-to-drag ratio and the stability of the kite are functions of the length of cable. The more released, the more drag created.

Have you ever wanted to build a kite? Well, here is a simple kite you can make yourself!

**A KITE CONSISTS OF THESE BASIC PARTS:**

- ♦ The Spine. The up-and-down, or vertical stick that you build your kite around.
- ♦ The Spar. The support stick(s), that are placed crossways or at a slant over the spine. Sometimes they are curved or bowed.
- ♦ The Frame. The joined spine and spars, usually with a string connecting their ends, that form the shape of the kite and make support for the cover.
- ♦ The Cover. The paper, plastic or cloth that cover the frame to make a kite.
- ♦ The Bridle. One or more strings attached to the spine or spars, which help control the kite in the air.
- ♦ The Flying Line. The string running from the kites' bridle, where you hold to fly the kite.
- ♦ The Tail. A long strip of paper or plastic of ribbon that helps to balance the kite in flight. Not all kites need tails.
- ♦ The Reel. The object you use to wind your flying line, to keep it from getting tangled or flying away.

**MATERIALS YOU WOULD NEED TO MAKE A DIAMOND KITE**

- Butcher cord or thin garden twine
- Scotch tape or glue
- 1 sheet of strong paper (102cm x 102cm) you can chose a colorful one.
- 2 strong, straight wooden sticks of bamboo or wooden doweling 90cm and 102cm
- Markers, paint or crayons to decorate your kite.

1. Make a cross with the two sticks, with the shorter stick placed horizontally across the longer stick. Make sure that both sides of the cross piece is equal in width.
2. Tie the two sticks together with the string in such a way as to make sure that they are at right angles to each other. A good way to ensure that the joint is strong to put a little glue to stick it in place.
3. Cut a notch at each end of both sticks. Make it deep enough for the type of string you are using to fit it in to. Cut a piece of string long enough to stretch all around the kite frame. Make a loop in the top notch and fasten it by wrapping the string around the stick. Stretch the string through the notch at one end of the cross-piece, and make another loop at the bottom. Stretch the string through the notch at the other end of the cross-piece. Finish by wrapping the string a few times around the top of the stick and cutting off what you don't need. This string frame must be taut, but not so tight as to warp the sticks.
4. Lay the sail material flat and place the stick frame face down on top. Cut around it, leaving about 2-3cm for a margin. Fold these edges over the string frame and tape or glue it down so that the material is tight.
5. Cut a piece of string about 122 cm long, and tie one end to the loop at the other end of the string to the loop at the bottom. Tie another small loop in the string just above the intersection of the two cross pieces. This will be the kite's bridle, the string to which the flying line is attached.
6. Make a tail by tying a small ribbon roughly every 10cm along the length of string. Attach the tail to the loop at the bottom of the kite.
7. Decorate it!!

### Kite Flying

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| X | G | X | W | T | C | S | H | O | H | Y | I | A | W | Q |
| F | E | N | I | W | T | O | T | A | T | U | S | I | D | L |
| H | E | T | W | R | U | N | N | I | N | G | N | Z | W | D |
| Q | I | B | I | H | M | D | C | T | C | B | I | E | X | H |
| N | S | N | P | K | L | I | A | S | R | K | P | E | Q | O |
| R | G | T | A | E | R | A | N | E | P | O | S | C | Q | L |
| D | N | H | L | T | A | K | E | O | F | F | L | K | J | J |
| U | I | R | C | A | P | Z | D | F | G | L | E | W | X | F |
| U | Y | E | E | I | E | A | D | F | U | A | E | I | X | L |
| S | L | A | E | L | E | G | D | P | S | N | R | N | Q | F |
| E | F | D | V | P | A | S | J | K | T | B | E | D | N | X |
| K | L | I | D | C | F | X | Y | D | Z | D | R | Y | I | N |
| U | P | P | H | E | Q | V | C | V | Z | O | D | Z | L | X |
| K | R | L | A | T | K | A | H | S | C | M | O | R | L | N |

| | |
|---|---|
| Breeze | Control |
| Cord | Dragon |
| Electricity | Flying |
| Gust | Handle |
| Kite | Open Area |
| Pull | Reel |
| Relax | Running |
| Sail | Sky |
| Spin | Sticks |
| String | Tail |
| Take Off | Thread |
| Twine | Windy |




## JANNAR

**9 ta' Jannar** - Il-Kunsill ingħata Premju ta' €5000 għal inizjattivi li jiġu organizzati fil-lokalità b'risq l-Intrapriża lokali. (Local Enterprise Award). Dan il-premju ġie mogħti waqt programm televiżiv.
***9th January*** *- The Council was awarded €5000 for initiatives assisting the local enterprise. This award was given during a television program broadcasted on local tv.*

## FRAR

**11 ta' Frar** - Saret serata karnivaleska fil-Pjazza Żjara tal-Madonna fejn ġew mistiedna diversi gruppi Għawdxin u Maltin li taw l-esebizzjoni tagħhom.
***11th February*** *- A carnival soiree was organised at Pjazza Żjara tal-Madonna where various dancing companies were invited to give their performance.*

## MARZU

**18 ta' Marzu** - Is-Sindku attenda għal-attività li saret ġewwa l-Iskola ta' San Bastjan f'Ħal Qormi fejn il-Kunsill ġie mogħti fondi għall-Inizjattivi Sportivi fosthom *after school programme* għall-istudenti, korsijiet tal-*fitness*, u *walking bus project* għat-tfal li jattendu l-iskejjel sekondarji.
***18th March*** *- The Mayor attended a presentation held at St. Sebastian school, Qormi where the Council was given financial assistance for the organization of sports activities including an after school program for students, fitness courses and walking bus project for children attending secondary schools.*

**19-21ta' Marzu -** Ġiet organizzata r-raba' edizzjoni tal-festival Seħer il-Punent. Il-festival beda' b'ikla tradizzjonali li ġiet organizzata bis-sehem ta' l-Għaqdiet Lokali. Għall-ewwel darba din is-sena saret il-kompetizzjoni 'Ġbid tal-Ħabel' fejn gruppi minn diversi lokalitajiet Għawdxin u Maltin ingħaqdu biex jieħdu sehem. Bħala mistiedna speċjali din is-sena kien hawn kunċert live mill-grupp Airport Impressions u s-sehem tal-finalista tal-Malta Song Festival Thea Garrett.
***19-21st March*** *- The 4th edition of Seħer il-Punent was held featuring amongst others a traditional meal with the participation of local committees, Tug of War Competition, live concert by special guests Airport Impressions and the participation of the Malta Song Festival Winner Thea Garrett.*





**18-23 ta' Marzu** - Delegazzjoni ta' cittadini minn Quadrelle żaru lir-raħal tagħna u ħadu sehem fl-attivitajiet marbuta ma' Seħer il-Punent 2010 fejn sar ukoll l-iffirmar ta' ġemellaġġ ġdid ma' din il-lokalità.
**18-23rd March -** *A delegation from Quadrelle visited our locality to take part in Seħer il-Punent activities, during which the signing of the twinning agreement with Quadrelle was also held.*



## APRIL

**April** - Il-Kunsill Lokali Għarb ikkontribwixxa għall-attivitajiet sportivi għat-tfal, wara l-ħin ta' l-iskola permezz ta' l-iskema għall-attivitajiet sportivi mnedija mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport.
***April*** *- The Gharb Local Council contributed towards the after school children activities as part of the sports activities scheme launched by the Parliamentary Secretariat for Youths and Sports.*

**4 t'April** - Saret l-attività tat-tqassim tal-Bajd ta' l-Għid lit-tfal tal-lokalità.
***4th April*** *- An easter social event was held for locality children.*

**8 t'April** - Is-Sindku David Apap attenda għall-Preżentazzjoni fejn ingħataw fondi lill-Kunsill għax-xiri ta' kotba ġodda għal-librerija.
***8th April*** *- The Mayor attended to the presentation ceremony whereby funds were given for the locality's library.*



**10 t'April** - Bħala parti mill-Festival Gaulitana itella' kunċert ta' l-Għid ġewwa l-Knisja Bażilika u Parrokkjali ta' l-Għarb.
***10th April*** *- As part of the Gaulitana Festival an Easter concert was held at the Gharb Church Basilica.*

## MEJJU

**27 ta' Mejju** - Il-Kunsill inghata rikonoxximent taht l-iskema 'European Destinations of Excellence'
***27th May*** *- The Council was given an award under the 'European Destinations of Excellence' scheme.*

**28 ta' Ġunju** - Il-Kunsill organizza żjara edukattiva u kulturali lill-istudenti tal-Year 6 għal Mediterraneo Park. Dawn l-istudenti kienu qegħdin fl-aħħar jiem tagħhom bħala studenti ta' l-Iskola Primarja Karmni Grima. Bħala rikonoxximent ta' din il-ħarġa f huma taw Thank You Card lis-Sindku għan-nom tal-Kunsill.
***28th June*** *- The Council organised an educational and cultural activity for Year 6 students to the Mediterraneo Park.*



## ĠUNJU

**3 ta' Ġunju** - Il-Kunsill kien wieħed mill-benefiċjarji ta' l-Iskema Lokalitajiet Sostenibbli fejn inghata l-ammont ta' €20,000 biex isiru studju dwar il-lokalità. Il-preżentazzjoni saret waqt ċerimonja ġewwa Għajnsielem fejn għaliha kien preżenti s-Sindku. ***3rd June*** *- The Council benefitted from the sustainable localities scheme where a total of €20,000 were given to the Council to carry out a study on the locality. The Mayor attended the presentation ceremony held at Għajnsielem.*



**4-6 ta' Ġunju** - Il-Kunsill organizza l-ewwel minn sensiela ta' korsijiet għal-liċenzja tad-dgħajjes. Il-Kunsill ipprovda wkoll il-faċilità li l-prattika u l-eżamijiet isiru ġewwa Għawdex. Saru diversi korsijiet oħra fejn b'kollox attendew 230 student minn Għawdex kollu.
***4-6 June*** *- The Council organised a series of boat licenses courses. The Council also provided for the practical part of the course and the exams to be held in Gozo. Various courses were held where a total of around 230 students from all Gozo participated.*



**26 ta' Ġunju -** Saret żjara mill-Onorevoli Dr Chris Said Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fuq il-proġett ta' Wied il-Mielaħ.
***26th June -*** *Hon Dr Chris Said Parliamentary Secretary for Consumers, Fair Competition, Local Councils and Public Dialogue visited the Wied il-Mielaħ project.*

## LULJU

**4 ta' Lulju -** Saret l-Infiorata fuq iz-zuntier tal-Knisja fl-okkażjoni tal-festa tal-Viżitazzjoni. Din is-sena t-temi kienu l-logo tal-Proġett Ewropew 'European Destination of Excellence' li tiegħu l-Kunsill ġie rikonoxxut għall-isforzi u l-kisbiet tiegħu fil-lokalità, l-Anniversarju tal-75 sena ta' l-Inkurunazzjoni tat-titular tal-Madonna ta' Pinu u ż-Żjara tal-Papa Benedittu XVI ġewwa Malta iktar kmieni din is-sena. ***4th July -*** *The Council held the Infiorata on the occasion of the village feast. This year's themes were the logo of the EU project European Destination of Excellence, for which the Council was awarded for its efforts and achievements in the locality, the 75 Anniversary of the titular painting of Ta' Pinu and the visit of Pope Benedict XVI in Malta earlier this year.*




## AWWISSU

**26-31 t'Awwissu -** Delegazzjoni mill-Għarb flimkien ma' rappreżentanti u żeffiena mill-grupp Għaqda Dilettanti tal-Karnival ta' Joe u Doris Bugeja għamlu żjara fi Quadrelle, r-raħal ġemellat ma' l-Għarb fejn ipparteċipaw fil-festival ArteNot fejn kellhom l-opportunità li jesebixxu t-talent u l-prodott Malti lill-pubbliku Taljan li attenda numeruż għal dan il-festival ta' arti. Il-grupp kellhom ukoll l-opportunità li jżuru postijiet ta' interess fosthom Pompei u Capri.
***26nd-31st August -*** *A delegation from Gharb together with the group Ghaqda Dilettanti tal-Karnival visited Quadrelle, the twinned locality of Gharb where they participated in the arts festival ArteNot.*

## SETTEMBRU

**3 ta' Settembru -** Il-Kunsill organizza Jum l-Għarb fi Pjazza Żjara tal-Madonna fejn waqt is-serata ingħataw Premju Għarb li ġie mogħti lil Patrick Formosa, Premju Qlub Ġenerużi ingħata lil Michael Mizzi, Premju Volontarjat Lokali ingħata lil Ignatius Farrugia u 'The Għarb Gozitan Cultural Award' ġie mogħti lil Doris Bugeja l-leader tal-grupp Għaqda Dilettanti tal-Karnival.
***3rd September -*** *The Council organised Għarb Day. During the evening 'Premju Għarb' was given to Patrick Formosa, 'Premju Qlub Ġenerużi' was given to Michael Mizzi, 'Premju Volontarjat Lokali' was given to Ignatius Farrugia and the Għarb Gozitan Cultural Award was given to Doris Bugeja leader of the group Għaqda Dilettanti tal-Karnival.*









**11 ta' Settembru** - Ġie iffirmat il-kuntratt li permezz tiegħu l-Kunsill ingħata proġett ta' €539.000 bit-titlu 'Għarb's cultural and touristic conservation project' li permezz tiegħu ser ikunu qed jitwettqu diversi interventi ta' restawr (aktar dettalji fl-artiklu f'paġna 14)
***11th September** - A contract was signed where the Council was given the amount of €539.000 to carry out the project named 'Gharb's cultural and touristic conservation project' through which various restoration works will be carried out (more details are found in page 14)*

## OTTUBRU

**4 t'Ottubru** - Inbdew korsijiet tal-fitness għall-adulti. Dawn il-korsijiet intlaqgħu tajjeb mir-residenti u kien hawn parteċipazzjoni kbira għalihom.
***4th October** - The Council commenced fitness courses for adults.*

**22 t'Ottubru** - Ġiet organizzata ħarġa soċjo-kulturali ġewwa Malta fejn il-parteċipanti kellhom l-opportunità iżuru fost l-oħrajn il-Knisja u l-Mużew tal-Knisja ta' Sant'Elena ġewwa Birkirkara kif ukoll Palazzo Verdala.
***22nd October** - A social-cultural outing to Malta was held where the participants had the opportunity to visit St. Elena's Church and Museum at Birkirkara and Palazzo Verdala.*

## NOVEMBRU

**1 ta' Novembru** - Il-Kunsill organizza l-attività ta' Halloween għat-tfal tal-lokalità.





***1st November** - The Council organised a Halloween Night for the locality's children.*

**3 ta' Novembru** - Il-Kunsill pprovda s-servizz tal-ogħti tal-labra ta' l-influwenza lir-residenti.
***3rd November** - The Council provided the administration of the flu vacchine to the eligible residents.*

**16 ta' Novembru** - Il-Kunsill għen lill-Arċipriet fl-organizazzjoni ta' l-Espożizzjoni tal-ġisem mejjet ta' l-Isqof Emeritus Nikol Cauchi li inġab fil-parroċċa ta' l-Għarb l-għada tal-mewt tiegħu li ġrat fil-15 ta' Novembru.
***16th November** - The Council supported the Parish Priest in the ceremony 'presente catavere' of Bishop Emeritus Nikol Cauchi who was brought to Gharb after his death which happened on the 15th November.*

## DIĊEMBRU

**17 ta' Diċembru** - Il-Kunsill organizza attività fil-Pjazza Żjara tal-Madonna bil-pateċipazzjoni ta' l-istudenti ta' l-Iskola Primarja ta' l-Għarb fejn dawn żejnu s-siġra tal-Milied b'tiżjin magħmul b'materjal ta' reċiklaġġ minn studenti ta' skejjel Ewropej oħra. Bħala skambju t-tiżjin magħmul minn studenti ta' l-Iskola Primarja ta' l-Għarb intbgħat fil-pajjiżi l-oħra parteċipanti.
***17th December** - The Gharb Local Council organised an activity at Pjazza Żjara tal-Madonna with the participation of Gharb Primary School students where the children decorated the Christmas tree with recycled material decorations brought from other EU Schools. On the other hand Gharb students prepared their own decorations made from recycled materials and exchanged them with the other European schools participating in this activity.*

# Peppi ta' Leksju

**Joseph Galea** MD FRCS(CTh)

Persunaġġ li żewwaqli żgħożiti b'kuluri sbieħ huwa Giuseppe Camilleri magħruf b'Peppi ta' Leksju (Alessju) jew Leksju fil-qosor. Ħafna nies mil-Għarb tampari u ikbar jiftakruh jirrakkonta u jpaspar fuq xi bank taħt id-dell tal-knisja tal-Għarb jew fil-ħwienet tax-xorb ta' Tereża u ta' Karmnu tal-Gaber fi Triq Blata, ta' Karmelina fil-pjazza u ċ-Ċallu ma ġenb it-taraġ tas-sagristija. M'inhiex nikteb fuqu b'disprezz iżda b'apprezzament u bħala rikonoxximent għall-memorji sbieħ li żejnuli tfuliti.



**Giuseppe Camilleri ta' 20 sena**
*(Ritratt tal-Passaport 1924)*

Peppi ta' Leksju twieled fl-Għarb, Għawdex fis-17 ta' Settembru 1904 minn Alessio u Annunzjata mwielda Pace u tgħammed l-għada fil-Knisja Parrokkjali tal-Għarb bl-isem ta' Giuseppe, Franciscus, Aloysius. Mar l-Awstralja fl-1924 meta kellu għoxrin sena. Ġie lura Malta u żżewweġ fil-knisja ta' Pinu lil Marija Camenzuli bint Mikiel Anġlu u Margerita mwielda Apap fis-27 t'Ottubru 1949. Jien niftakru fi xjuħitu. Kellu xagħru abjad qotna irrizzjat, għajnejn griżi ileħħu u leħja xiehba ta' ġimgħa. Kien ikun liebes qmis tal-flanella u xugaman tal-wiċċ imdawwar m'għonqu, kultant jixxotta l-għaraq bih. Kellu kappell kannella 'tal-Awstralja' f'rasu. Kien jiġi ħafna ħdejn qaribu Leli Pace ta' Żajru li kien joqgħod biswitna biex imorru l-għalqa flimkien. Kienu anke jmorru r-Rabat flimkien. Darba lin-nanna tiegħi Nozzi li kienet tkun barra quddiem id-dar tagħha taħdem il-bizzilla Leksju qalilha "Nuzz, naħsib li int s'ussa ħdimt bizzille minn kamm inhaw San Franġisk ta' Kalafruna!"(San Francisco, California).

Dawn l-istejjer li ma jitwemnux Leksju kien jirrakkontahom b'ħeġġa liema bħala u b'konvinzjoni u xejn ma kien jieħu gost jekk xi ħadd jmerih u jgħidlu li mhux veru. Kull min kien ikun jisma' kien jaf li qiegħed iħarref. Ħaġa tal-għaġeb l-istejjer kien jirrepetihom l-istess u jiena u oħrajn smajna l-istess ħlejqiet diversi drabi mingħajr varjazzjoni. Leksju kien jieħu gost immens jiġbor in-nies madwaru u jirrakkontalhom.

Il-ħlejqiet li kien jirrakkonta ser inġibhom kif kien jgħidhom.

## Il-Qattus

Darba Leksju kien ir-Rabat t'Għawdex "Murt ir-Rabat u kint sejjir ninvista 'l San Ġurġ. Għaddejt mis-suwq u kijf tfaċċajt quddiem il-knisje ta' San Ġurg, nura qattows fuwq il-bejt tal-ħwinit faċċuta tel-knisje qiegħed jgħuti s-solt biex jaqbiż. Jien għidt bejni u bejn ruħej 'Dal-qattows xi sagrabunja se jagħmil' u f'deqqe waħde jaqbiż il-pjazza kille għal fuwq il-knisje ta' San Ġurġ. Imme, Marija Sentissme f'nufs it-triq induwna li mhux se jwassal u qalib lura". Nahlif li rajtu b'għajnejje stess."

Għal min ma jafx bejn il-ħwienet li hemm faċċata tal-Knisja ta' San Ġorġ u l-knisja nnifisha hemm xi mitt metru u l-knisja hija ferm ogħla mit-terrazin ta' fuq il-ħwienet.

## L-Ajruplan

"Mite kint Melbun (l-Awstralja) darba murt Sidni bl-ajruplon. F'nufs triq, l-istiward jew x'hini staqsiet fuq il-lawdspiker jekk hemmx xi ħadd kapuċi jsuwq ajruplon għax il-pajlit ħassu ħazin. Kint se niggennin! Ħadd ma qom minn pustu u iktar twerwirt. Għidt f'qelbi 'Nippruva nsuqu jien avulja ma nofx imme naħsib li jien aħjor minn xejn'. Qumt minn pusti u dħelt fil-gabina. Insib lill-pajlit mitfiwh għal tulow fl-ort u l-ajruplon mixi waħdiw. Qlajt lill-pajlit minn fuq is-sijt, ftaħt tiqe għal barra u ħriġtliw rusu għal frisk



No. 2433/1924

Date 21/11

DECLARATION TO BE MADE BY APPLICANT FOR PASSPORT.

(a) Garbo, Gozo, 10th November 1924

I, the Undersigned, (b) Giuseppe Camilleri at present residing at 10, Str. Sdieri, Garbo, Gozo, hereby declare that I am

For a Married Woman or Widow (to be struck out in other cases). Particulars of Husband's birth to follow.

a (d) British Subject by birth having been born at Garbo Gozo on the 17th day of September 1904

For Persons born Abroad, who derive British nationality from a father or paternal grandfather born within His Majesty's Dominions. (To be struck out in other cases).

and not having lost the status thus acquired, I hereby apply for a Passport for the purpose of proceeding to Australia (Adelaide) in search of employment

(e) ~~accompanied by my wife (and children under the age of 16), as indicated in the margin, who do not possess separate Passports)~~

I declare that I have no Passport already in my possession (f) (~~other than that those which I annex hereto for cancellation~~) and that I have made no other application for a passport ~~since the last passport was issued to me~~ (g).

(h) Signed Giuseppe his X mark Camilleri

And I, the Undersigned, Canon Carmelo Portelli Archpriest of Garbo hereby declare that to the best of my personal knowledge and belief the above made Declaration of the said Mr. Giuseppe Camilleri is true, and that I can FROM MY PERSONAL KNOWLEDGE of him vouch him as a fit and proper person to receive a Passport.

Signed Arch: Carmelo Portelli

CAUTION

The attention of persons who are asked to sign this declaration is specially called to the fact that it can only be signed from personal knowledge of the applicant, and not from information obtained from other persons.

Date of presentation

PASSPORT OFFICE 21 NOV 1924 MALTA

Description of Applicant

Age 20 years

Profession Labourer

Whether married or single single

Domicile or ordinary place of residence 10, Str. Sdieri, Garbo, Gozo

Maiden name of widow or married woman

Place and date of birth Garbo, Gozo, 17.9.04.

Height 5 feet 5 inches

Colour of eyes grey

Colour of Hair black

Visible distinguishing marks one scar under the chin

Description of Wife of Applicant if to be included on the Passport.

Name in full / Age / Profession / Place and date of birth / Maiden name / Height feet inches / Colour of eyes / Colour of Hair / Visible distinguishing marks / Signature

With Commonwealth Permit

Names, ages, and sex of children under the age of 16 if to be included on the Passport.

EMIGRATION OFFICE

IMPORTANT

Applicants and persons recommending them, are warned that should any of the statements contained in their respective declarations prove to be untrue the consequences to them may be serious.

*L-applikazzjoni għall-passaport ta' Giuseppe Camilleri 1924*

fursi jgħadiliw. Qbodt l-istering tal-ajruplon f'idejje u bdejt nsuqow. Ma kienx hemm trabil se xħin ġejne biex ninżliw. Tat-turri tal-kuntrull għenunij kemm setgħew bex inniżżil l-ajruplon sawwa, imme me kintx nof inniżżillu r-rutuj u llandjajtu fuq zaqqow, ħaqq elliċ! Ħadd ma miet u tgħidx kemm refewnij fuq spallajhum u għamliw sturbju bije!"

## Il-Briġġ ta Sidni

Darba waħda ħdejn it-taraġ tas-sagristija u faċċata tal-ħanut ta' Karmnu ċ-Ċallu għal ħabta tal-Imwiet smajtu jgħid "Il-Briġġ ta' Sidni jew, ħe... il-briġġ ta' Sidni kbir xi ħaġe! Biss biss għandiw x'kull skurfina deqs il-kuppla ta' dil-knisje," qal waqt li refa' għajnejh u xengel rasu 'l fuq lejn il-knisja." "Dok kif iħilluwim u jissukkawhum" fenda xi ħadd. " Bil-ħelikopters" wieġeb Leksju mingħajr l'iċken teptipa t'għajnejh. "Rajthum jien b'għajnejje stess!"

## Gamiem

"Gemiemmm...., gemiemmm.......gemiemm għadde fin-ninteen twenty two. Naħlif li għadim isibu l-gemiem (mejjet) sal-ġurnuta mqeddse tal-liwm..!!!!." (*Il-ħlieqa kien qalha fl-1970*)

## Il-Qoton tal-Awstralja

"L-qutun l-Awstralja jikbir qegħtieh, mis-siġar jeqtgħewh. Darba murna neqtgħew l-qutun u bdejne neqtgħew u nitfgħew l-isfil... neqtgħew u nitfgħew l-isfil. X'ħin inżilne mis-siġra tal-qutun insibiw l-qutun killiw imxarrab bix-xite. Il-qutun fis-siġar kien mis-sħab il-fuwq, għalhekk m'indunajniex li kinit ix-xite minne l-isfil!!"

## Għall-Kaċċa f'Wied il-Mielaħ

"Darba ftit qebil il-Miled, fil-għaxije nżilt Wied il-Mielaħ bis-sentir u billi fix-xitwe l-ġurnuta qasira, malajr dalam. Jien kint qiegħed fuq il-blot ta' Wied il-Mielaħ mite f'deqqe nura bħal tajra kbire gejje minn fuwq il-baħar u dieħle għal ġol-wied. Kinit qiegħde tagħmil ħsejjis tal-buża bi ġwanħajja. Jien twerwirt u kif waslut fuquj sparajtulha ġewġ tiri u weqgħet. X'ħin ħabtut mal-qiegħ tal-Ħufra tat-Turuk għamlit ħiss ta' barra minn haw. Ħarist l-isfil għal ġol-ħufra u ndanajt li kienit saħħar! Madunna Sentissme kint qtilt saħħar! Tof kemm ġrejt l-fuq lejn id-dor, kemm tawni seqejje."

Leksju miet fil-għodu kmieni fl-għalqa msejjħa 'ta' Kanal' f'Wied il-Mielaħ fit-30 ta' Marzu 1972 fl-età

ta tmienja u sittin sena iżda l-istejjer tiegħu baqgħu fil-memorja ta' ħafna u llum ser jibqgħu għal dejjem fil-kitba.

Dawn il-ħlejqiet u praspar ħallew effett dejjiemi fuqna t-tfal u ż-żgħażagħ li konna nisimugħhom b'kull widna daqsiex. Barra li bqajna u għadna sal-llum nirrakuntaw dawn l-istejjer ta' Leksju lil xulxin u lil nies oħra, meta xi ħadd jgħid xi ħrafa esaġerata u ma titwemminx ngħidu "Din minn ta' Leksju!"

**Referenzi**


• Liber Baptizatorum, Arkivju tal-Uffiċċju Parrokkjali, Għarb, Għawdex, Vol 5 (1885-1914).
• Liber Matrimoniorum, Arkivju tal-Uffiċċju Parrokkjali, Għarb, Għawdex, Vol 3 (1914-1952).
• Liber Mortuorum, Arkivju tal-Uffiċċju Parrokkjali, Għarb, Għawdex, Vol 5 (1939-1989).
• Passport Applications (1921-1938) National Archives of Malta, Santu Spiritu, Rabat, Malta.


**NOTA**: Min jaf xi stejjer oħra ta' Leksju jew għandu ritratti tiegħu jikkuntattjani biex jinkitbu wkoll u jkollna ġabra sħieħa kemm jista' jkun tal-praspar tiegħu. Email: *josephgalea@yahoo.com* jew mobile 99823852.




## PATATA BIL-LUMI

Tajba bħala kontorn mal-ħut, l-aktar mal-bakkaljaw jew kull tip ta' laħam.

**Għandek bżonn:**
- 1 kilo patata mqatta cubes
- Lumija (medium)
- Tursin mqatta rqiq
- Bżar u melħ u ftit żejt li jkun.

**Metodu:**
Għalli l-patata sakemm issir. Meta ssir saffi mill-ilma, però żomm ftit minn dan l-ilma. Hu xi sitta jew tmien *cubes* mill-patat msajjra u għaffighom. Żid dawn il-patata mgħaffġa mal-oħra mgħollija. Għasar nofs lumija madwar mgħarfa meraq jew ftit aktar, żid mall-patata kif ukoll il-bżar. Żid ftit mill-ilma li għollejt il-patata fih biex it-taħlita ma tkunx iebsa però ma jridtx ikollok ilma jiġri. Fil-wiċċ għamel ftit żejt, roxx it-tursin u nofs lumija (ftit kbira) li tkun għasart, qatta' l-qoxra (bil-polpa magħsura) f'biċċiet żgħar u żejjen il-wiċċ.

Din tista' sserviha sħuna jew kiesħa. Ommi fil-Ġimgħa l-kbira kienet isserviha meta ssajjar il-bakkaljaw. Il-Bakkaljaw wara li tkun sajritu kienet tqattgħu f'biċċiet żgħar u żżidu mal-patata. Din ir-riċetta għandna nużawha fil-familja.

## SNACK

**You will need:**
- Pakkett Pita Bread
- Pinch of fine salt
- Vegetable oil
- Hot pepper / garlic powder / curry

**Method:**
With a kitchen brush wipe each pita from one side. Sprinkle hot pepper or garlic powder or curry. With kitchen scissors cut each pita bread bit size. In a heated oven (electric no 4-6) put the arranged pita pieces one next + over each other and bake until golden and crispy. Serve with drinks and dips.

## RIĊETTA ANTIKA

**Għandek bżonn:**
- 80gr għaġina makaronelli jew penne
- 100gr rikotta
- Bajda
- Ftit mhux ħażin tursin mqatta' rqieq
- Bżar (frak iswed)
- Biċċa ġobon tal-bżar 35gr imqatta'
- Melħ jekk trid

Daqs tlett mgħaref ħalib biex it-taħlita ma tkunx *thick* u lanqas watery imma *creamy*.

**Metodu:**
Ġo taġen *non-stick* u ftit żejt biex taqli. Għolli l-ilma biex wara sajjar l-għaġin. L-għaġin irid ikun ftit *al dente* mhux iebes. Ġo skutella għaffeġ l-irkotta u żid l-affarijiet imsemmija hawn fuq. Meta l-għaġin isir, saffi mill-ilma u ħallat mat-taħlita ta l-irkotta etċ. Sa dan it-tant int tkun qed issaħħan it-taġen bi ftit żgħira żejt. Itfa l-għaġin bl-irkotta u aqli. Meta tinduna li nqela aqbad platt ċatt, għatti l-għaġin u aqleb l-għaġin fuq il-platt u erħa poġġi fit-taġen biex jinqela' minn naħa l-oħra.




Liża Frendo

## FTIRA

**Jkollok Bżonn:**
20g butir artab
2 mgħaref żejt taż-żebbuġa
300g basal mqatta' rqieq
6 bajdiet mħabbtin
¾ ta' kikkra ġobon maħkuk
"Zukkini" – qarabalija mqatta' rqieqa
Mgħarfa ħabaq mqatta' rqieq

**Kif tagħmel:**
1: Idlek dish tal-forn 19cm *square* bil-butir. Saħħan iż-żejt ġo taġen, żid il-basal u sajjar sa ma jirtab, u ħallieħ jibred.
2: Ħawwad flimkien, il-basal, il-bajd imħabbat, il-ġobon, il-qarabalija kif ukoll il-ħabaq u ħawwad sewwa. Itfa' it-taħlita ġod-dish.
3: Sajjar ġo forn moderat għal madwar 25 minuta jew sa ma tara li ħmar ftit.

## SOPPA TAĊ-ĊIĊRI



**Jkollok Bżonn:**
kikkra ċiċri nixfa
2 mgħaref żejt taż-żebbuġa
Basla mdaqqsa jew ftit basal aħdar mqatta' rqieq
Ftit tewm mgħaffeġ
2 mgħaref *rosemary* frisk mqatta'
Landa 425g tadam
3 kikkri stock taċ-ċanga

**Kif tagħmel:**
1: Xarrab iċ-ċiċri ġo ilma kiesaħ għal matul il-lejl. Saffi mil-ilma u sajjar ġo ilma jagħli għal madwar siegħa u saffieħ.
2: Saħħan iż-żejt ġo kazzola, żid il-basal, tewm u *rosemary* u sajjar sa ma jsir il-basal.
3: Żid it-tadam bil-meraq b'kollox u sajjar għal 5 minuti. Żid l-istock u ċ-ċiċri u sajjar għal 5 minuti jew sa ma tara li kollox sar. Sajjar mingħajr għatu.

## CAKE TAĊ-ĊIKKULATA U LEWŻ (*ALMOND*)



**Jkollok bżonn:**
125g butir
¾ ta' kikkra zokkor
6 bajdiet
125g ċikkulata skura maħkuka
2 kikkri lewż (*almonds)* mitħun
1/3 ta' kikkra frak tal-ħobż
Mgħarfa rum
90g ċikkulata skura 'extra'
30g butir 'extra'

**Kif tagħmel:**
1: Idlek landa tal-cake 23 cm bil-butir. Għatti l-qiegħ bil-karta tal-forn. Ħawwad il-butir u z-zokkor bl-'electric mixer' sa ma' jitħawdu sewwa, żid l-isfar tal-bajd u ħawwad sewwa.
2: Itfa' din it-taħlita ġo bowl kbira u ħawwad magħha l-lewż, frak tal-ħobż u r-rum u ħawwad sewwa.
3: Ħabbat l-abjad tal-bajd sa ma jiġi magħqud, żidu bil-mod il-mod mat-taħlita tal-lewż. Itfa' it-taħlita ġol-landa li tkun irranġajt. Sajjar ġo forn moderat għal 50 minuta. Aqla' l-cake wara 5 minuti li jkun sar u ħallieħ jibred. Ħoll iċ-ċikkulata u l-butir li fadal banju Marija, ħallieħ jibred u delku fuq wiċċ l-cake.

Extract from Audited Financial Statements for year ended 31st December 2009
**Estratt mill-Audited Financial Statements għas-Sena li għalqet fil-31 ta' Dicembru 2009**

| Statement of income and expenditure / Rapport ta' dħul u nfiq Note /*Noti* - April – Dec 2009 | € |
|---|---|
| **Income / *Dħul*** | |
| Funds received from government / *Allokazzjoni mill-Gvern* | 148,780 |
| Investment Income / *Dħul minn Investiment* | 184 |
| General Income / *Dħul Ġenerali* | 26,302 |
| | 175,266 |
| **Expenditure / *Infiq*** | |
| Personal Emoluments / *Emolumenti Personali* | (36,642) |
| Operations and Maintenance - schedule a / *Operazzjoni u Manutenzjoni - skeda a* | (51,884) |
| Administration and other expenditure - schedule b /*Amministrazzjoni u nfiq ieħor - skeda b* | (71,932) |
| | 160,458 |
| Surplus for the year / *Bilanċ favorevoli għas-sena* | 14,808 |

# Operations and maintenance / Operazzjoni u Manutenzjoni

**Skeda / Schedule A**

| | |
|---|---|
| **Repairs and upkeep / *Tiswijiet u żamma fi stat tajjeb*** | |
| Road and street pavements / *Toroq u bankini* | 8,434 |
| Repairs and upkeep / *Tiswijiet u żamma fi stat tajjeb* | 440 |
| Office furniture and equipment / *Għamara u apparat tal-uffiċċju* | 907 |
| Signs & Road Markings / *Sinjali u Marki tat-Toroq* | 631 |
| Damages paid / *Ħsarat imħallsa* | 60 |
| Others / *Oħrajn* | 1,454 |
| | 11,926 |
| **Contractual services / Servizzi Kuntrattwali** | |
| Refuse collection / *Ġbir ta' skart domestiku* | 7,420 |
| Bulky refuse collection / *Servizz ta' bulky refuse* | 221 |
| Road and street cleaning / *Tindif ta' toroq* | 2,595 |
| Hire of Skips / *Kiri ta' skips* | 2,764 |
| Bring in sites / *Reċiklaġġ* | 2,631 |
| Cleaning and Maintenance - public conveniences / *Tindif u Manutenzjoni ta' latrini pubbliċi* | 3,330 |
| Cleaning and Maintenance – non urban / *Tindif u Manutenzjoni ta' toroq non-urban* | 200 |
| Cleaning & maintenance – council premises / *Tindif u manutenzjoni ta' bini tal-Kunsill* | 1,057 |
| Street Lighting / *Dawl tat-toroq* | 15,319 |
| Others / *Oħrajn* | 4,422 |
| | 39,958 |
| | 51,884 |

**Skeda / Schedule B**

## Administration and other expenditure / *Amministrazzjoni u infiq ieħor*

| | |
|---|---|
| Utilities / *Servizzi tal-bżonn* | 4,182 |
| Materials & Supplies / *Materjal u provvisti* | 970 |
| National & International memberships / *Sħubija* | 165 |
| Office Services / *Servizzi tal-Uffiċju* | 4,783 |
| Transport / *Trasport* | 3,565 |
| Information services / *Servizzi informattivi* | 2,917 |
| Professional services / *Servizzi Professjonali* | 2,385 |
| Community services & events / *Servizzi lill-komunità u attivitajiet* | 22,280 |
| Sundry expenses / *Spejjeż żgħar* | 489 |
| Rent / *Kera* | 2,313 |
| Depreciation / *Deprezzament* | 26,269 |
| Sponsorships & donations / *Donazzjonijiet* | 7 |
| Provision for doubtful debts / Provista' għall-debituri dubbjużi | 1607 |
| | 71,932 |







COM 181109277

# Is-Sindku, Viċi-Sindku, Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv u Staff tal-Kunsill Lokali Għarb jixtiequ jawguraw il-Festi t-Tajba lil Kulħadd



## Programm ta' l-attivitajiet tal-Milied

**17 ta' Diċembru** – Attività ta' tiżjin tas-siġra tal-Milied għat-tfal tal-iskola primarja Karmni Grima.
**19 ta' Diċembru fis-7.30pm** – Kunċert ta' l-aħħar tas-Sena mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni ġewwa l-Knisja Parrokkjali u Bażilika ta' l-Għarb.
**26 ta' Diċembru** – Purċissjoni bil-Bambin organizzata mill-Għaqda tal-Mużew. Il-Purċissjoni akkompanjata bil-banda, Għaqda Mużikali Viżitazzjoni titlaq minn fejn il-Mużew tas-Subien u tasal fil-Knisja Bażilika ta' l-Għarb.
**30 ta' Diċembru** – Party għat-tfal kollha tal-lokalità. Fit-8.30am ħarġa madwar Għawdex. F'12.00pm Party fis-sala ta' l-iskola Primarja.
**3 ta' Jannar** – Ħarġa għall-familja kollha għall-Malta.

### Christmas Programm of Activities

***17th December*** – Christmas tree decorating activity for the primary school Karmni Grima.
**19th December at 7.30pm** – Christmas Concert by the Għaqda Mużikali Viżitazzjoni at the Gharb Church Basilica.
**26th December at 7pm** – Procession organised by the Boys Museum. The procession will be accompanied by the Gharb band, Għaqda Mużikali Viżitazzjoni from the boys Museum to the Gharb Church Basilica.
**30th December** – Party for the locality children, 8.30am – Outing around Gozo, 12.00pm – Party at the Gharb Primary School Hall.
**3 January** – Family outing to Malta.